

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/633

tal-14 ta' April 2021

**li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplū taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹) (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "r-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(2) tiegħi,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. L-investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ

- (1) Wara investigazzjoni anti-dumping ("l-investigazzjoni orīginali, iċ-Ċina"), il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1187/2008 (²), dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju ("MSG") li joriġina mir-Repubblika tal-Poplū taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina").
- (2) F'Jannar 2015, permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/83 (³), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina miċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ("rieżami ta' skadenza preċedenti").
- (3) F'Jannar 2015, permezz tar-Regolament (UE) 2015/84 (⁴), il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mill-Indoneżja ("l-investigazzjoni orīginali, l-Indoneżja").
- (4) Ir-rati tad-dazju anti-dumping li huma fis-seħħ bħalissa jvarjaw bejn 33,8 % u 36,5 % fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fl-investigazzjoni orīginali, u 39,7 % fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha fiċ-Ċina. Fir-rigward tal-Indoneżja, ir-rati tad-dazju anti-dumping li huma fis-seħħ bħalissa jvarjaw bejn 7,2 % u 13,3 % fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fl-investigazzjoni orīginali, l-Indoneżja, u 28,4 % fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha fl-Indoneżja.

#### 1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

- (5) Wara l-pubblikkazzjoni ta' żewġ avviżi ta' skadenza imminent (⁵), il-Kummissjoni rċeviet żewġ talbiet għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(¹) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1187/2008 tas-27 ta' Novembru 2008 li jimponi taxxa anti-dumping definitiva u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju provvistorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 322, 2.12.2008, p. 1).

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/83 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 15, 22.1.2015, p. 31).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/84 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju anti-dumping definitiv u li jiġbor definitivament id-dazju provvistorju impost fuq importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mill-Indoneżja (ĠU L 15, 22.1.2015, p. 54).

(⁵) Avviżi tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C 165, 14.5.2019, p. 4 u p. 5).

- (6) Iż-żewġ talbiet ġew ippreżentati fil-21 ta' Ottubru 2019 minn Ajinomoto Foods Europe S.A.S. ("AFE" jew "l-applikant"), li jirrapreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-MSG. It-talbiet kienu bbażati fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fil-kontinwazzjoni u fir-rikorrenza ta' dumping u fil-kontinwazzjoni jew fir-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni <sup>(6)</sup>.

### 1.3. Il-bidu ta' rieżami ta' skadenza

- (7) Billi ddeterminat, wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fil-21 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mir-RPĊ u mill-Indoneżja ("il-pajjiżi kkonċernati") abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(7)</sup> ("in-Notifika ta' Bidu").

### 1.4. Investigazzjoni anti-ċirkomvenzjoni parallelia

- (8) Fid-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mir-RPĊ, u għamlet dawn l-importazzjonijiet soġġetti għal reġistrazzjoni <sup>(8)</sup>. Il-bidu tal-investigazzjoni segwa talba ppreżentata minn Ajinomoto Foods Europe S.A.S., il-kumpanija li hija wkoll l-applikant tar-rieżamijiet ta' skadenza attwali. Il-prodott li qed jiġi investigat għal ċirkomvenzjoni possibbli kien l-MSG ftahlita jew f-soluzzjoni, li fih 50 % jew aktar ta' MSG f'piż xott.
- (9) L-investigazzjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mir-RPĊ ġew evitati mill-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat. Permezz tar-Regolament (UE) 2020/1427, <sup>(9)</sup> il-Kummissjoni estendiet il-miżuri fis-seħħ għall-importazzjonijiet tal-MSG ftahlita jew f-soluzzjoni, li fihom 50 % jew aktar f'piż xott ta' MSG li joriġina mir-RPĊ.

### 1.5. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni

- (10) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni") <sup>(10)</sup>.

### 1.6. Partijiet interessati

- (11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarr-fet speċifikament lill-applikant, lill-produtturi magħrufa tal-MSG fiċ-Ċina u fl-Indoneżja u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati, lill-importaturi magħrufa u lill-utenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

<sup>(6)</sup> Minħabba l-fatt li hemm produttur wieħed biss tal-MSG fl-Unjoni, xi data f'dan ir-Regolament qed tiġi ppreżentata f'med jew fforma ta' indiċi biex tīgħi ppreservata l-kunfidenzialità tad-data tal-produttur tal-Unjoni.

<sup>(7)</sup> Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Indoneżja (ĠU C 20, 21.1.2020, p. 18).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/230 tad-19 ta' Frar 2020 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/83 fuq l-importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 47, 20.2.2020, p. 9).

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1427 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jestendi d-dazju anti-dumping definitiv impost mir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/83 fuq importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju ftahlita jew f-soluzzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 336, 13.10.2020, p. 1).

<sup>(10)</sup> Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu b'mod kongħut dwar perjodu ta' tranżizzjoni li matulu r-Renju Unit baqa' soġġett għad-dritt tal-Unjoni, li ġie fi tmiemu fil-31 ta' Diċembru 2020. Ir-Renju Unit ma għadux Stat Membru tal-Unjoni u, għalhekk, iċ-ċifri, is-sejbiet u l-konklużjonijiet f'dan ir-Regolament jittrattaw lir-Renju Unit bħala pajjiż terz.

- (12) Il-partijiet interessati kellhom opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċċjal tas-Smiġħ fil-proċedimenti kummerċjali.

#### 1.6.1. Kampjunar

- (13) Fid-dawl tal-għadd kbir apparenti ta' produtturi fil-pajjiżi kkonċernati u ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni, il-Kummissjoni ddikjarat fin-Notifika ta' Bidu li hija tista' tieħu kampjun tal-produtturi u tal-importaturi mhux relatati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

##### 1.6.1.1. Kampjunar tal-produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indoneżja

- (14) Sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi kollha fiċ-Ċina u fl-Indoneżja jipprovd l-informazzjoni spċificata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjonijiet tar-RPĊ u tal-Indoneżja fl-Unjoni Ewropea jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw lil produtturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jieħdu sehem fl-investigazzjoni.
- (15) Żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ ipprovved l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni stiednet lil dawn il-kumpaniji jieħdu sehem fl-investigazzjoni u bagħtitilhom kwestjonarju. Fid-dawl tan-numru baxx, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ kampjunar u għarrfet lill-partijiet interessati kollha permezz ta' Nota għall-fajl.
- (16) Il-Kummissjoni nnotifikat lill-Missjoni tar-RPĊ li minħabba l-kooperazzjoni insuffiċjenti minn dawn iż-żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ, hija kellha l-intenzjoni tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u, għalhekk tibbaża s-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu fir-rigward tar-RPĊ fuq il-fatti disponibbli. Ma wasal l-ebda kument b'risposta għal din in-notifika.
- (17) Ma ppreżenta ruħu l-ebda produttur esportaturi fl-Indoneżja. Madankollu, grupp wieħed ta' kumpaniji fl-Indoneżja li jipproduċu u jbigħu l-MSG fis-suq domestiku tal-Indoneżja (“grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw”) issottometta l-formoli tal-kampjunar. Dawn il-kumpaniji ma kinux qed jesportaw il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lil dawn il-kumpaniji jieħdu sehem fl-investigazzjoni u bagħtitilhom kwestjonarju.
- (18) Il-Kummissjoni nnotifikat lill-Missjoni tal-Indoneżja li minħabba l-kooperazzjoni insuffiċjenti mill-produtturi esportaturi/produtturi fl-Indoneżja, hija kellha l-intenzjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u, għalhekk tibbaża s-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu fir-rigward tal-produtturi esportaturi/produtturi fl-Indoneżja fuq il-fatti disponibbli. Ma wasal l-ebda kument b'risposta għal din in-notifika.

##### 1.6.1.2. Kampjunar tal-importaturi

- (19) Sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni stiednet lil importaturi mhux relatati jipprovd l-informazzjoni spċificata fin-Notifika ta' Bidu.
- (20) Erba' importaturi mhux relatati pprovved l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ u li tinvestiga l-importaturi mhux relatati kollha li ppreżentaw ruħhom. L-erbgħa importaturi mhux relatati kollha kkooperaw bis-sħiħ billi ppreżentaw tweġiba kompleta għall-kwestjonarju.

##### 1.6.2. Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (21) Waslu tweġibiet kompleti għall-kwestjonarju mill-grupp ta' produtturi tal-MSG Indoneżjani li kkooperaw, mill-uniku produttur tal-Unjoni u minn erba' importaturi mhux relatati.
- (22) Il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi/produtturi kollha fir-RPĊ li ppreżentaw ruħhom u pprovved l-informazzjoni mitluba dwar il-kampjunar biex jimlew il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi. Fil-bidu, kopja tal-kwestjonarju tpoġġiet għad-dispożizzjoni fis-sit web tad-DG Kummerċ.

- (23) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mingħand produkturi esportaturi/produtturi fir-RPĊ. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi (15) u (16), il-Kummissjoni nnotifikat liż-żewġ produkturi esportaturi/produtturi fir-RPĊ li ppresentaw ruħhom inizjalment li hija kellha l-intenzjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u, għalhekk, tibbaża s-sejbiet tagħha fuq il-fatti disponibbli li jistgħu jkunu inqas favorevoli għall-parti kkonċernata. Ma wasal l-ebda kumment.
- (24) Għalhekk, ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni minn produkturi esportaturi/produtturi la fir-RPĊ u lanqas fl-Indoneżja. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (17), kien hemm grupp wieħed ta' kumpaniji fl-Indoneżja li jipprodu u jbigħu l-MSG fis-suq domestiku tal-Indoneżja, iżda li ma jesportawx lejn l-Unjoni, li kkoopera.

### 1.6.3. Verifika

- (25) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meejusa bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Madankollu, minħabba t-tifqigħa tal-pandemja tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttieħdu biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ("in-Notifika tal-COVID-19")<sup>(11)</sup>, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żżarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji kollha. Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifikasi mill-boġħod ("RCCs") tal-informazzjoni pprovduha mill-kumpaniji li ġejjin permezz ta' vidjokonferenza:
- Ajinomoto Foods Europe SAS ("AFE"), Mesnil-Saint-Nicaise, Franzia
  - Grupp ta' produtturi li kkooperaw fl-Indoneżja
  - PT Ajinomoto Indonesia, l-Indoneżja
  - PT Ajinomoto Sales Indonesia, l-Indoneżja

## 2. IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott taħt rieżami

- (26) Il-prodott sogħetti għal dan ir-rieżami huwa l-istess bħal dak kopert mill-investigazzjoniijiet preċedenti msemmija fil-premessi minn (1) sa (4), jiġifieri l-glutamat tal-monosodju li jorigha mir-RPĊ u mill-Indoneżja, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2922 42 00 (il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10) ("il-prodott taħt rieżami"). L-MSG huwa additiv tal-ikel u jintuża principally biex it-ejtnej it-togħma f'sopop, brodijiet, platti ta' ħut u laħam, taħlilit ta' ħwawar u ikel lest biex jittiekel. Huwa jiġi prodott fil-forma ta' kristalli bojod u mingħajri riħa ta' daqsijiet varji. L-MSG jintuża wkoll fl-industrija kimika għal applikazzjoniċċi mhux tal-ikel bħal deterġenti.
- (27) Huwa jiġi prodott principally permezz ta' fermentazzjoni ta' diversi sorsi taz-zokkor (lamtu tal-qamħirrum, lamtu tat-tapjoka, xropp taz-zokkor, mellassa tal-kannamieli u mellassa tal-pitravi taz-zokkor).

### 2.2. Prodott simili

- (28) Kif għie stabbilit fl-investigazzjoniijiet preċedenti msemmija fil-premessi minn (1) sa (4), din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karakteristiċi fiżiċċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott taħt rieżami;
  - il-prodott manifatturat u mibjugħi fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati; u
  - il-prodott manifatturat u mibjugħi fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

<sup>(11)</sup> Notifika dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjoniċċi kontra d-dumping u kontra s-sussidji (2020/C 86/06) (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

(29) Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### 3. IL-PROBABILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' DUMPING

#### 3.1. Rimarki preliminari

(30) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mir-RPĊ u/jew mill-Indoneżja.

##### 3.1.1. Ir-RPĊ

(31) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi/produtturi Ċiniżi ma kkoopera fl-investigazzjoni. Huma naqsu mill-jippreżentaw informazzjoni jew jipprovdū evidenza ta' sostenn rigward l-allegati distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Bl-istess mod, kif imsemmi fil-premessa (23), l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina ma ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju.

(32) Il-GTĊ ma pprovda l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju u lanqas ma indirizza l-evidenza fil-fajl tal-każ id-approvut mill-applikant, inkluż id-“Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjoniġiet għad-Difiża tal-Kummerċ” (“ir-Rapport”) <sup>(12)</sup>.

(33) Konsegwentement, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet b'rabta mal-probabiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping stabbiliti fil-premessa minn (36) sa (135) kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari, l-informazzjoni fit-talba għar-rieżami ta' skadenza u l-istatistika disponibbli, jiġifieri dawk mill-Eurostat u mill-Atlas tal-Kummerċ Globali (“GTA”).

##### 3.1.2. L-Indoneżja

(34) Kif issemmi fil-premessa (17), l-ebda produttur esportatur fl-Indoneżja ma kkoopera fl-investigazzjoni. Madankollu, grupp ta' produtturi Indoneżjani li jbigħu fis-suq domestiku u swieq oħra ta' pajjiżi terzi kkooperaw.

(35) Konsegwentement, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet b'rabta mal-probabiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping stabbiliti fil-premessa minn (137) sa (144) kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari, l-informazzjoni fit-talba għar-rieżami ta' skadenza, l-istatistika disponibbli, jiġifieri l-GTA, kif ukoll, kif spjegat fil-premessa (21), id-data ppreżentata mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw.

#### 3.2. Kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

##### 3.2.1. Ir-RPĊ

(36) Għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, id-data statistika mill-Eurostat turi li ġew importati 3 500 tunnellata ta' MSG mir-RPĊ, li jirrappreżentaw [4 – 7] % tas-sehem mis-suq fl-Unjoni <sup>(13)</sup>. Il-Kummissjoni kkonkludiet li tali volum ta' importazzjoniġiet huwa rappreżentativ biżżejjed biex jiġi eżaminat jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

<sup>(12)</sup> Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjoniġiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta’ Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2.

<sup>(13)</sup> Kif issemmi fil-premessa (6), l-applikant jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali ta' MSG fl-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali, xi data f'dan ir-Regolament hija ppreżentata biss f'med med u/jew findiċċijiet.

3.2.2. Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ.

(37) Minħabba l-evidenza suffiċċenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li għandha t-tendenza li turi, fir-rigward tar-RPĊ, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(38) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Gvern taċ-Ċina ("GTĊ"). Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovd u evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-publikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mingħand il-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku sad-data tal-għeluq.

(39) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, it-Tajlandja għejt proviżjonament magħżula bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għall-iskop li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezziżiet jew ta' punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi rappreżentattivi potenzjalment xierqa oħrajn skont il-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-punt 2(6a)(a), tar-Regolament bażiku.

(40) Fil-21 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni informat permezz ta' nota ("l-ewwel nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kellha l-intenzjoni li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali jekk l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-MSG. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezziżiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni esprimiet l-intenzjoni tagħha li tagħżel it-Tajlandja jew il-Malasja bħala pajjiżi rappreżentattiv xieraq. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw u rċeviet kummenti mingħand l-applikant biss. Dan appoġġja l-ġhażla tat-Tajlandja, minħabba l-għadd akbar ta' kumpaniji b'data disponibbli għall-pubbliku f'dan il-pajjiż. Fil-kummenti tiegħu, l-applikant talab ukoll li jenħtieġ li tittieħed medja tad-data tal-kumpaniji xierqa biex tiġi pprovduta bażi aħjar u aktar soda għad-determinazzjoni, meta mqabbla mal-użu ta' data bbażata fuq informazzjoni għal kumpanija waħda.

(41) Fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni għarrfet permezz tat-tieni nota ("it-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kellha l-intenzjoni li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bit-Tajlandja bħala l-pajjiżi rappreżentattiv jekk l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata. Hija għarrfet ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-ħames kumpaniji li ġejjin, li huma proddutti tal-MSG fil-pajjiż rappreżentattiv:

- (1) Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd.
- (2) Thai Fermentation Industry Co Ltd. (Racha Churos)
- (3) Thai Churos
- (4) Thai Foods International Co. Ltd.
- (5) KT MSG.

(42) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw u hija rċeviet kummenti biss mingħand importatur wieħed, li appoġġja l-ġhażla tat-Tajlandja bħala l-pajjiżi rappreżentattiv.

### 3.2.2.1. Il-valur normali

(43) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "[i]l-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezziżiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendentni fil-pajjiż esportatur".

- (44) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, “[...] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezziżiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat eskluziżiav abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezziżiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni”, u “għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti” (“kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali” minn hawn ‘il-quddiem issir referenza għalihom bħala “SG&A”).
- (45) Kif spjegat aktar fil-premessa (46) u (107), il-Kummissjoni kkonkludiet fl-investigazzjoni preżenti li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

### 3.2.3. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

#### 3.2.3.1. Introduzzjoni

- (46) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddefinixxi distorsjonijiet sinifikanti bħala “dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezziżiet jew kostijiet irrapportati, inklu l-kostijiet ta' materji primi u tal-enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun ivvalutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:
- is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjeda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;
  - il-preżenza tal-Istat fdidli li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezziżiet jew tal-kostijiet;
  - politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur forniture domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;
  - in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadeġwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti, il-kumpaniji jew il-proprietà;
  - il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;
  - l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxu indipendentement mill-Istat”.
- (47) Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) għandha tqis, fost l-oħrajn, il-lista mhux eżawrjenti ta' elementi fid-dispożizzjoni preċedenti. Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, għandhom jitqies l-impatt potenzjali ta' wieħed jew aktar minn dawn l-elementi fuq il-prezziżiet u l-kostijiet fil-pajjiż esportatur tal-prodott taħbi rieżami. Tabilħaqq, billi dik il-lista mhix kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jitqies għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex tintwera l-eżistenza ta' wieħed jew aktar mill-elementi tal-lista. Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni kumplessiva dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovd lill-gvern b'setgħat sostanzjali biex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezziżiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.
- (48) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li “[flejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjoni jfondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprodu, tippubblika u taġġid regolarmen rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew is-settur”.

- (49) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina (ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna), li juri l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern fħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet spċifici fħafna fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera), kif ukoll fsetturi spċifici (bħal dawk tas-sustanzi kimiċi jew tal-ipproċessar tal-qamħirrum). Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jirribattu, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fil-mument tal-bidu, li minnu r-Rapport kien parti integrali. Ma wasal l-ebda kumment
- (50) It-talba għal rieżami pprovdi evidenza addizzjonali dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-MSG skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b), li tikkomplementa r-Rapport. L-applikant ipprovda evidenza li turi li l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt rieżami huma affettwati (mill-inqas potenzjalment) mid-distorsjonijiet imsemmija fir-Rapport, b'mod partikolari minn livelli għoljin ta' interferenza mill-Istat fil-katina tal-valur tal-MSG, jiġifieri fis-settur tal-MSG u fis-setturi relatati mal-produzzjoni tal-MSG, b'mod partikolari fis-setturi tal-input u fir-rigward tal-fatturi tal-produzzjoni.
- (51) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw prezziżjet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fir-Rapport, li tistrieħ fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari fuq il-leġiżlazzjoni Ċiniża, dokumenti uffiċjali ppubblikati rigward il-politika Ċiniża, rapporti ppubblikati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u studji/artikli minn akkademiċi rinomati, spċificamente identifikati fir-Rapport. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tiegħu b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni spċifici tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.
- (52) Kif spċifikat fil-premessa (32), il-GTĊ ma pprovda l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju. Kif imsemmi fil-premessa (23), lanqas ħadd mill-produtturi esportaturi/produtturi fiċ-Ċina ma kkoopera. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi/produtturi fiċ-Ċina li ngħataw l-istatus ta' parti interessata ma pprovda xi evidenza li tappoġġia jew tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport, u l-evidenza addizzjonali pprovdata mill-applikant fit-talba għal rieżami dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

### 3.2.3.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettaw il-prezziżjet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ

- (53) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa minqux fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju ewljeni huwa s-"*sjeda pubblika soċjalista tal-meżżi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjeda min-nies kollha u s-sjeda kollettiva mill-persuni li jaħdmu*". L-ekonomija tal-Istat hija "*l-forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali*" u l-Istat għandu l-mandat "*li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha*"<sup>(14)</sup>. Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda titlob b'mod espliċitu tali interventi. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjeda pubblika fuq dik privata huwa misfrux fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha. Il-liġi Ċiniża dwar il-proprietà hija eżempju ewljeni: hija tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u ta' tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li fiha s-sjeda pubblika għandha rwol dominant. Forom oħrajn ta' sjeda huma tollerati, bil-liġi tippermettilhom jiżviluppaw flimkien mas-sjeda tal-Istat<sup>(15)</sup>.
- (54) Barra minn hekk, skont il-liġi Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jifformaw sovrastruttura li fiha ma hemmx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewljeni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza digħi eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina", iddaħħlet it-tieni sentenza

<sup>(14)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 6-7.

<sup>(15)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 10.

ġdida li tħid: “[il-]karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b’karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina.”<sup>(16)</sup> Dan juri l-kontroll mhux ikkontestat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ. Dawn it-tmexxija u l-kontroll huma inerenti għas-sistema Činiżha u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f’pajjiżi oħrajin fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limiti tiegħu joperaw il-forzi tas-suq ħieles.

- (55) L-Istat Ċiniż jimplimenta politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP, minflok ma jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalentī fuq ħieles.<sup>(17)</sup> L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti li jintużaw mill-awtoritajiet Ċiniżi huma bosta, inklużi s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.
- (56) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Činiżha hija rregolata minn sistema kumplessa ta’ ppjanar industrijali li taffettwa l-aktivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta’ setturi u politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spiegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa’. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-meżżi sabiex jiġu appoġġjati l-industrija/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta’ żmien li fihom iridu jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri espliċiti fir-rigward tal-produzzjoni, filwaqt li din kienet karatteristika regolari fiċ-ċikli tal-ippjanar preċedenti. Skont il-pjanijiet, is-setturi u/jew il-proġetti industrijali individwal qed jiġi identifikati bħala prioritat jiet (pożittivi jew negattivi) f’konformità mal-prioritat tal-gvern u l-għanijiet ta’ żvilupp speċifiċi attribwi lilhom (titjib industrijali, espansjoni industrijali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, kemm dawk privati kif ukoll dawk tal-Istat, iridu jaġġustaw b’mod effettiv l-aktivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan mhuwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet, iżda anki minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema ta’ pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b’hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prioritat stabbiliti fil-pjanijiet (ara wkoll it-Taqsima 3.2.3.5 hawn taħt).<sup>(18)</sup>
- (57) It-tieni nett, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom, għandhom jallinjaw lilhom infuħhom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollo il-merti ekonomiċi ta’ proġetti partikolari (ara wkoll it-Taqsima 3.2.3.8 hawn taħt).<sup>(19)</sup> L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Činiżha, bħas-swiegħ tal-istokks, is-swiegħ tal-bonds, is-swiegħ tal-ekwità privata, eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-setturi finanzjarju, għajr is-setturi bankarju, huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b’mod li mhumiex xprunati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swiegħ finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP.<sup>(20)</sup>
- (58) It-tielet nett, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta’ forom. Pereżempju, ir-regoli tal-akkwist pubbliku jintużaw regolarmen sabiex jintlaħqu għanijiet ta’ politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b’hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b’mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta’ dawn l-għanijiet għadha mhijiex definita, u b’hekk tħalli marġni wiesa’ ta’ apprezzament għall-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet.<sup>(21)</sup> Bi-istess mod, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u d-daqs tal-investiment kemm tal-Istat kif ukoll privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi incenġti, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għoddha importanti biex jiġu appoġġjati l-għanijiet tal-politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tishħiħ tal-industria domestika.<sup>(22)</sup>

<sup>(16)</sup> Disponibbli fuq [http://www.fdi.gov.cn/1800000121\\_39\\_4866\\_0\\_7.html](http://www.fdi.gov.cn/1800000121_39_4866_0_7.html) (ikkonsultat l-aħħar fis-27 ta’ Ottubru 2020).

<sup>(17)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 20-21.

<sup>(18)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 3, p. 41, 73-74.

<sup>(19)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 120-121.

<sup>(20)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 122-135.

<sup>(21)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 7, p. 167-168.

<sup>(22)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 8, p. 169-170, 200-201.

- (59) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq<sup>(23)</sup>.

**3.2.3.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku:** is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjeda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew taħt il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

- (60) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjeda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew taħt il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

- (61) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mir-RPĊ, il-Kummissjoni għandha informazzjoni limitata dwar l-istruttura tas-sjeda tal-kumpaniji attivi fis-settur tal-MSG fir-RPĊ. Fost it-tliet kumpaniji Ċiniżi indikati bħala prodduti ewlenin mill-applikant, u kkonfermati bħala tali minn sorsi oħrajin ibbażati fuq ir-riċerka tal-Kummissjoni stess,<sup>(24)</sup> l-ebda waħda ma tidher li hija proprjetà tal-Istat.

- (62) Madankollu, il-Kummissjoni sabet li wieħed mill-produtturi esportaturi ewlenin – Fufeng Group – kelli l-appoġġ tal-membri tas-CCP u tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u li dawn tal-aħħar ikkoordinaw kwistjonijiet ta' interessa għall-kumpanija. Pereżempju, is-sit web uffiċjali tal-kumpanija jiddikjara dan li ġej dwar żjara uffiċjali ta' rappreżentanti tal-gvern lokali: "Wara d-diskors tiegħu, Jiao Gangwei semma l-problema relatata mal-faħam li kienet qed tfixxel lill-intrapriżi matul dawn l-aħħar sentejn, u enfassizza li l-Kumitat tal-Partit Muniċipali ta' Zhalantun u l-Gvern kienu qed jiżguraw koordinazzjoni fuq din il-kwistjoni. [...] Id-delegazzjoni ta' Liu Qifan kompliet issir taf dwar il-kontribuzzjonijiet soċċali tal-kumpanija, ix-xogħol tal-bini tal-partit, kif ukoll l-MSG [...]. Liu Qifan faħħar ukoll l-impatt tat-tnejda minn Fufeng tal-produzzjoni tal-massa ta' amminoaċidi ta' l-ivell għoli fuq il-prezzijiet globali u appoġġja x-xogħol tal-bini tal-partit mill-kumpanija. Fl-aħħar nett, huwa qal lid-delegazzjoni tiegħu: "Din il-kumpanija hija kumpanija ewlenija, u mkien ma jeżistu proġetti ta' tajbin bħal dawn. Il-gvern irid jaqdiha sewwa." Is-Segretarju Liu semma tliet darbiet wara xulxin li jenħtieġ li l-gvern jaġdi lill-kumpanija sewwa. Barra minn hekk, huwa appoġġja lill-kumpanija billi qal li s-sitwazzjoni tagħha tirrifletti d-determinazzjoni tal-mexxjeja superjuri tar-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja Interna biex jinbena gvern orjentat lejn is-servizzi"<sup>(25)</sup>. L-appoġġ tal-gvern lokali huwa viżibbli wkoll b'raba mas-sussidjarja ta' Fufeng f'Heilongjiang Qiqihar, kif ikkonfermat fuq is-sit web tal-gvern ta' Qiqihar: "Sabiex tintwera s-saħħa tal-intrapriża, titlaqqa' s-saħħa interna, jiġi estiż l-ispiċċu kumbattiv u jiġi rringrazzjat il-gvern lokali għall-appoġġ qawwi tiegħu lis-sussidjarja tal-Grupp, Qiqihar Longjiang Fufeng Biotechnology Co., Ltd., saret il-laqgħa tal-midja "punt tat-tluq għid, vjaġġ ġdid, ħolma ġidha" fil-Lukanda Wanda Jiahua f'Qiqihar, wara nofsinhar tas-26 ta' Lulju fl-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-grupp Fufeng".<sup>(26)</sup> Il-Kummissjoni sabet aktar evidenza tar-relazzjonijiet ta' Fufeng mas-CCP, kif ukoll tal-appoġġ u l-gwida tal-awtoritajiet lokali fid-dikjarazzjoni li ġejja mis-sit web tal-Grupp: "Fis-7 ta' Diċembru 2019, il-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit Muniċipali ta' Qiqihar u s-Sindku Li Yugang żar il-kwartieri ġenerali tal-Grupp Fufeng. Il-Viċi Sindku Wang Yongshi, is-Segretarju ġenerali tal-Gvern Muniċipali Qi Xiaotong, il-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit Distrettwali ta' Angangxi u s-Sindku Ren Guangcai, u l-Viċi Sindku Li Yugang Jing, eċċ. akkumpanjaw fl-investigazzjoni. Il-President tal-Bord Li Xuechun, il-Maniġer Ġenerali Zhao Qiang u mexxjeja oħrajn akkumpanjaw iż-żara. [...] Matul id-diskussioni, is-Sindku Li qal li l-ipproċċesar fil-fond ewljeni, kif ukoll il-prodotti sekondarji tiegħu huma partikolar importanti fit-taqassim industrijali attwali tal-Belt ta' Qiqihar. Bħala l-ewwel manifattur dinji tal-amminoaċidi, il-kumpanija pprovdiet għajnuna kbira għall-ipproċċesar fil-fond tal-qamħirrum lokali. Il-President tal-Bord esprima l-gratitudni tiegħu lis-Sindku Li talli attenda u qal: "Il-Belt ta' Qiqihar pprovdiet lill-kumpanija b'servizzi ta' "inkubatur". Din

<sup>(23)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 15-16, ir-Rapport – il-Kapitolu 4, p. 50, p. 84, ir-Rapport – il-Kapitolu 5, p. 108-9.

<sup>(24)</sup> Ara silta mill-pubblikazzjoni analitiku minn Guosheng Securities dwar waħda mill-kumpaniji msemmija – Meihua Biological: "In-naħħa tal-provvida tal-glutamat tal-monosodju hija magħmulu minn tliet partijiet ikkonċernati u l-mudell tal-oligopolija huwa ċar: L-MSG huwa kkaratterizzat minn struttura ta' oligopolija ddominata minn Fufeng Group, Meihua Biological u Ningxia Eppen li l-kapaċità tal-produzzjoni u l-output tagħhom jammontaw għal aktar minn 90 % taċ-ċifri tal-pajjiż. Bis-saħħa tal-konpetizzjoni u l-integrazzjoni tal-industrija, flimkin ma' investimenti kapitali kbar ħafna, it-tliet intrapriżi żvilluppa katina industrijali komprensiva, ifformaw distakk relativament kbir bejnethom u oħrajin, u issa għandhom vantaġġi ċar fuq quddiem nett tal-industrija. [...] Mill-perspettiva tal-MSG, Meihua, Fufeng u Eppen laħqu arranġament ta' oligopolija interdipendenti u pura. Hemm biss prodotti rari li għalihom il-konċentrazzjoni hija tant għolja fis-sottosettur tal-industrija tal-kimika." L-1 ta' Awwissu 2019. [http://pdf.dfcfw.com/pdf/H3\\_AP201908011342041272\\_1.PDF](http://pdf.dfcfw.com/pdf/H3_AP201908011342041272_1.PDF) (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Jannar 2021).

<sup>(25)</sup> Ara l-artikolu mis-sit web tal-kumpanija, ippubblikat fit-2 ta' Jannar 2018: Liu Qifan, membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit u Segretarju tal-Kumitat tad-Dixxiplina tar-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja Interna, żar il-kumpanija Northeast Fufeng għal-investigazzjoni. [http://www.fufeng-group.com/news/details-236\\_1.html](http://www.fufeng-group.com/news/details-236_1.html) (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Jannar 2021).

<sup>(26)</sup> Ara l-artiklu "Fufeng's 20th birthday press conference organised in Qiqihar city". Id-29 ta' Lulju 2019. [http://www.qqhr.gov.cn/News\\_showNews.action?messagekey=175677](http://www.qqhr.gov.cn/News_showNews.action?messagekey=175677) (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Jannar 2021).

id-darba mhijiex se tieħu prominenza fil-Belt ta' Qiqihar biss, iżda anki fuq is-CCTV. Skont il-ħsieb ekonomiku tal-gvern, il-kumpanija se tkompli tistabbilizza l-kummerċ barrani, tistabbilizza l-kapital barrani, tistabbilizza l-investiment u tistabbilizza l-aspettattivi. Hija se tkompli tespandi l-ispirtu kumbattiv, tisfrutta l-vantaġġi tagħha stess u tikkoopera b'mod stabbli mal-gvern lokali għal żvilupp konġunt.”<sup>(27)</sup> Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni għall-istampa li ġejja tikkonferma li Fufeng kien qed isegwi l-għanijiet u l-ideoloġija tal-politika tal-Istat fl-aktivitajiet tiegħu: “Fufeng Group wieġeb għall-proposti għal inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-President Xi Jinping biex jinbnew il-“Medda Ekonomika tar-Rotta tal-Ħarir” u “r-Rotta tal-Ħarir Marittima tas-Seklu 21”, u żviluppa b'mod attiv sħubijiet ekonomiċi ma' pajiżi tul “Belt Waħda, Triq Waħda”.<sup>(28)</sup>

- (63) Fil-każ ta' produttur ieħor mit-tliet produtturi ewlenin tal-MSG – Ningxia Eppen – il-Kummissjoni sabet li l-kumpanija kienet qed timplimenta politiki tal-Istat u l-ideoloġija tas-CCP fl-aktivitajiet tagħha, kif iddikjarat mill-Federazzjoni tal-Industrija u l-Kummerċ ta' Ningxia: “Sa mill-bidu ta' din is-sena, Ningxia Eppen Biological Company organizzat b'mod metikoluż, użat b'mod komprensiv, studjat fil-fond u implimentat l-ispirtu tat-18-il Kongress Nazzjonali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, filwaqt li qieset is-sitwazzjoni attwali tal-kumpanija u mmirrat lejn il-kunċett ta' “Two strengthenings, Six goods” u saħħet il-bini tal-Partit, li għen bil-kbir fl-żvilupp tal-intrapriża.”<sup>(29)</sup> Il-kumpanija kienet ibbenifikat ukoll minn appoġġ mill-awtoritajiet pubbliċi fl-istabbiliment ta' ċentru tat-teknoloġija nazzjonali. Skont id-Dipartiment tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Ningxia Hui, il-kostruzzjoni ta' dawn iċ-ċentri għandha l-għan li tiggwida b'mod partikolari lill-kumpaniji lejn ċerti kisbiet ta' politika: “Sabiex jimplimenta l-istratgeġja ta' żvilupp xprunata mill-innovazzjoni u jiggwida u jappoġġja lill-intrapriża biex isaħħu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni teknoloġika tagħhom, id-Dipartiment tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni tar-Reġjun Awtonomu jipprovvovi b'mod vigoruż il-kostruzzjoni ta' Ċentri tat-Teknoloġija tal-Intrapriżi. [...] Iċ-Ċentri tat-Teknoloġija tal-Intrapriżi saru l-atturi ewlenin tal-innovazzjoni teknoloġika fir-Reġjun tagħna u jipprovdu appoġġ teknoloġiku effettiv b'saħħtu għall-żvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija fir-Reġjun tagħna. [...] Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Intrapriżi ta' Ningxia Eppen ġie stabbilit fl-2006 u kien rikonoxxut bħala ċentru tat-teknoloġija tal-intrapriżi f'livell nazzjonali fl-2011. Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija jiżgura tmexxija fuq il-progressjoni tal-industrija permezz ta' innovazzjoni kontinwa u kiseb riżultati sinifikanti.”<sup>(30)</sup>

- (64) Fir-rigward tal-fornituri ta' inputs għall-produzzjoni tal-MSG, kif sottomess mill-applikant u kkonfermat minn sorsi oħrajn<sup>(31)</sup>, il-materja prima ewlenja fil-manifattura tal-MSG ġeneralment tkun il-lamtu tal-qamħirrum, li jirrappreżenta parti sostanzjali mill-kostijiet tal-produzzjoni. Kif instab mill-Kummissjoni, mill-inqas produttur ewleni wieħed tal-lamtu tal-qamħirrum – Cofo Biotech – huwa SOE taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni għas-Superviżjoni u l-Amministrazzjoni tal-Assi tal-Istat (SASAC)<sup>(32)</sup>. L-awtoritajiet tal-Istat huma wkoll azzjonisti, direttament jew indirettament, ta' diversi produtturi ewleni oħrajn tall-lamtu tal-qamħirrum. Bħala eżempju notevoli, fil-każ ta' Zhucheng Xingmao Corn Developing Co. Ltd - il-produttur ewleni tal-lamtu tal-qamħirrum (13,29 % tas-suq)<sup>(33)</sup> - 74 % tal-ishma huma miżmuma minn Zhucheng Foreign Trade Corp., li min-naħħa tagħha hija 26,54 % proprietà ta' Zhucheng City.<sup>(34)</sup>

<sup>(27)</sup> Ara l-artiklu Is-Sindku ta' Qiqihar Li Yugang żar il-kwartieri ġeneralji ta' Fufeng Group għal investigazzjoni ('Qiqihar Mayor Li Yugang visited Fufeng Group's headquarters for investigation'). Il-11 ta' Diċembru 2019. [http://en.fufeng-group.cn/news/details-260\\_1.html](http://en.fufeng-group.cn/news/details-260_1.html) (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Jannar 2021).

<sup>(28)</sup> Ara l-artiklu mill-Abbarijiet Finanzjarji ta' Dongfang: Strengthen the leadership on industry, focus on poverty alleviation as a core, secure leading positions; 20 years of Fufeng: growth is coming to light. Id-19 ta' Awwissu 2019. <http://www.jinxingwenshi.com/caijing/shh/201908195018.html> (ikkonsultat l-aħħar fil-21 ta' Jannar 2021).

<sup>(29)</sup> Ara l-artiklu dwar Ningxia Eppen Biotech tal-20 ta' Awwissu 2013: [http://nxgsl.com/hyzl/hyfc/201308/t20130820\\_1163706.html](http://nxgsl.com/hyzl/hyfc/201308/t20130820_1163706.html) (ikkonsultat l-aħħar fil-21 ta' Jannar 2021).

<sup>(30)</sup> Ara s-sit web uffiċjali tad-Dipartiment tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Ningxia Hui: Results of the Ningxia Eppen Biotech's Enterprise Technology Center. It-23 ta' Novembru 2020. <https://gxt.nx.gov.cn/info/1004/8250.htm> (ikkonsultat l-aħħar fis-26 ta' Jannar 2021).

<sup>(31)</sup> “Il-kostijiet ewlenin tal-MSG huma l-qamħirrum u l-saham. Għalhekk, il-kumpaniji li ġat fuq l-opportunità ta' prezziżiet baxxi tal-qamħirrum u tal-saham digħi jaġid minn vantaġġ komparativ fir-rigward tal-kost” – mill-artiklu 2018-2022 Forecast and Analysis of the MSG industry development prospects China Investment Consulting Network, il-5 ta' Mejju 2018.

<http://www.ocn.com.cn/touzi/chanye/201806/ypxwt05100100-2.shtml> (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Jannar 2021).

<sup>(32)</sup> Ara s-sit web ta' SASAC: <http://www.sasac.gov.cn/n2588035/n2641579/n2641645/index.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

<sup>(33)</sup> Ara d-data mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Lamtu taċ-Ċina, ippreżentata fis-sit web: <https://www.ershicimi.com/p/a14ff87430b1ea50d458d1347123cba5> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021)

<sup>(34)</sup> Ara: <https://www.qcc.com/firm/d8b3787389e66016cbede3e1dea817bf.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

- (65) Kif sottomess mill-applikant, il-produzzjoni tal-MSG tikkonsisti fi proċess kimiku li jinvolvi l-użu ta' lamtu tal-qamħirrum u ammonijaka. Għalhekk, il-produtturi tal-MSG jistgħu jitqiesu wkoll bħala parteċipanti attivi tas-settur kimiku Ċiniż. Fir-rigward ta' dak is-settur, il-Kummissjoni sabet li, skont l-istatistika nazzjonali, l-intrapriżi tal-Istat ("SOEs") kienu jiarrapreżentaw 52 % tal-assi totali tal-kumpaniji tal-kimika fl-2015 (<sup>(35)</sup>). L-SOEs, b'mod partikolari dawk ċentrali kbar, tradizzjonalment kellhom rwol dominanti fl-industrija tal-kimika tar-RPĊ minħabba l-pożizzjoni ta' oligopolija tagħhom fis-settur upstream/tal-materja prima, l-aċċess faċċi għar-riżorsi allokati mill-gvern (fondi, self, art, eċċ.) u l-influwenza qawwija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gvern.
- (66) Fir-rigward ta' dak li ntqal hawn fuq, il-GTĊ u s-CCP għandhom strutturi li jiżguraw li jibqa' jkollhom influwenza fuq l-intrapriżi u, b'mod partikolari, fuq l-intrapriżi tal-Istat jew ikkontrollati mill-Istat. L-Istat (u fħafna aspetti anki s-CCP) mhux biss jiformula u jissorvelja b'mod attiv l-implementazzjoni tal-politiki ekonomiċi ġenerali mill-kumpaniji (b'mod partikolari dawk tal-Istat jew ikkontrollati mill-Istat), iżda jiddikjara wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet operatorji tagħhom. Dan isehħi tipikament permezz tar-rotazzjoni ta' uffiċjali tal-partit ('cadres') bejn l-awtoritajiet tal-gvern u dawn il-kumpaniji, permezz tal-preżenza ta' membri tal-partit fil-korpi eżekutti tal-kumpaniji u ta' "ċelloli tal-partit" fl-istrutturi tal-kumpaniji (ara wkoll it-Taqsima 3.2.3.4), kif ukoll permezz tat-tiswir tal-istruttura korporattiva tas-settur (<sup>(36)</sup>). Fil-każ tal-intrapriżi tal-Istat jew ta' dawk ikkontrollati mill-Istat, tal-aħħar igawdu, inkambju, minn status partikolari fi ħdan l-ekonomija Ċiniż, li jinvolvi għadd ta' beneficiċi ekonomiċi, b'mod partikolari lqugħ mill-kompetizzjoni u aċċess preferenziali għall-inputs rilevanti, inklużi l-finanzi (<sup>(37)</sup>). L-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll tal-gvern fuq l-intrapriżi fil-katina tal-valur tal-MSG, u tas-settur tal-kimika b'mod ġenerali, huma żviluppati aktar fit-Taqsima 3.2.3.4 hawn taħt.
- (67) Bil-livell sinifikanti ta' intervent tal-gvern fil-ktajjen tal-valur kimiku fir-RPĊ, is-sjeda tal-Istat u l-kontroll ta' ċerti intrapriżi ewlenin li jipproduċċu l-lamtu tal-qamħirrum, u l-fatt li - kif instab mill-Kummissjoni - ċerti produtturi ewlenin tal-MSG huma soġġetti għall-gwida tal-Istat, jiddependu fuq l-appoġġ tiegħu u, f'ċerti każijiet, jimplimentaw l-ideoloġija tas-CCP, anki l-produtturi privati tal-prodott taħt rieżami ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati attivi fil-produzzjoni tal-MSG u tal-inputs użati fil-manifattura ta' dan tal-aħħar, huma soġġetti wkoll, direttament jew indirettament, għal superviżjoni u gwida tal-politika kif stabbilit fit-Taqsima 3.2.3.5 hawn taħt.

### 3.2.3.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat fid-ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

- (68) Minbarra li jeżerċita kontroll fuq l-ekonomija permezz tas-sjeda ta' SOEs u għodod oħrajn, il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u t-neħħija ta' persunal maniġerjali ewljeni fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniż, jista' jitqies li jirriflett d-drittijiet ta' sjeda korrispondenti (<sup>(38)</sup>), iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jiarrapreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, fkull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP (<sup>(39)</sup>) u l-kumpanija għandha tipprovd i l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitàjet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem kien segwit jew infurżat strettament. Madankollu, mill-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ il-pretenzjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' princiċju politiku. Huwa rrapporat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-“patriottiżmu” l-ewwel u biex isegwu d-dixxiplina tal-partit (<sup>(40)</sup>). Fl-2017, kien irrapportat li kienu jeżistu ċelloli

<sup>(35)</sup> Data għall-2015 abbażi tal-Yearbook Statistiku taċ-Ċina tal-2016, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-İstatistika taċ-Ċina.

<sup>(36)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 3, p. 22-24 u l-Kapitolu 5, p. 97-108.

<sup>(37)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 5, p. 104-9.

<sup>(38)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 5, p. 100-1.

<sup>(39)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 26.

<sup>(40)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 31-2.

tal-partiti f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, bi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċiali fi ħdan il-kumpaniji rispettivi tagħhom (⁴¹). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-MSG u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

- (69) Bħala eżempju, l-istrutturi tas-CCP jikkoinċidu personalment mal-korp maniġerjali fil-każ ta' għadd ta' produtturi ewlenin tal-MSG. Il-Kummissjoni sabet li l-President tal-Bord ta' Fufeng Group, Li Xuechun, inħatar fl-2013, għal perjodu ta' ħames snin, bħala membru tal-Kungress tal-Poplu tal-Belt ta' Linyi. (⁴²) Barra minn hekk, kif muri fil-premessa (62), il-kumpanija tospita attivitajiet ta' bini tal-Partiti, li jinfluenzaw l-operazzjonijiet tagħha.
- (70) Fil-każ ta' Meihua Group, ieħor mit-tliet produtturi ewlenin tal-MSG, ħamsa minn fost it-12-il membru tal-Bord ġew iddiċkarati bħala membri tas-CCP fl-2019 (⁴³). Il-Kummissjoni sabet ukoll l-evidenza li ġejja tal-attivitajiet ta' bini tal-Partiti ta' Meihua u tal-influwenza tas-CCP fuq l-operazzjonijiet tal-kumpanija: "Fit-30 ta' Ġunju, Jilin Meihua organizza u wettaq avveniment ta' ġurnata tal-partit iddedikat għall-kunċett "Building a Learning Enterprise, Glowing at work". Ir-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni tal-Kunitat tal-Partit Muniċipali ta' Baicheng u l-Istruttur tal-Bini tal-Partit ta' Jilin Meihua, Wang Xingang, id-Direttur tal-Uffiċju tal-Partit tal-Park Industrijali ta' Beicheng Guo Baoyu, is-Segretarju tal-Partit ta' Jilin Meihua u Maniġer Ĝeneralu Zhang Jinlong, flimkien ma' 22 membru tal-Partit, attendew għall-avveniment. [...] Fl-avveniment, Wang Xingang ta lill-membri kollha tal-Partit lezzjoni vivaċi tal-partit li kienet tiffoka fuq "il-proċess ta' żvilupp tal-Partit, dwar x'għandu jsir mill-membri tal-fergħat tal-Partit fintrapriżi mibnija ġoddha, u kif ir-rappreżentanti tal-membri tal-Partit għandu jkollhom rwol ewljeni". Imbagħad, min-naħa tiegħu, Wang Xingang ta l-emblema tal-Partit u l-"Kostituzzjoni tal-Partit" lil kull membru tal-Partit. Bħal fmagħムudja mgħedda fi ħdan il-Partit, bl-emblema tal-Partit fuq is-sider u l-"Kostituzzjoni tal-Partit" fl-idejn, inbenha "pont minn qalb għal qalb" bejn l-organizzazzjoni tal-Partit u l-membri tal-Partit, u dan saħħħab b'mod effettiv is-sens ta' unur, responsabbiltà u appartenenza ta' kull membru u uffiċjal ('cadre') tal-Partit. Iżda dan mhuwiex biss dwar l-unur, iżda wkoll dwar ir-responsabbiltà. Tali "avveniment politiku" jippermetti lill-membri tal-Partit dejjem iżommu f'moħħhom l-identità u l-missjoni tagħhom, jagħtu l-importanza sħiħa lir-rwol tagħhom li jkunu pijunieri u jservu bħala eżempju fil-ħidma futura tagħhom, jgħaqqu u jmexxu l-maġġoranza tal-cadres u tal-impiegati, jaħdmu ieħes, ikunu kreattivi, ikollhom il-kuraġġ li jkunu minn tal-ewwel fdak li jaġħmlu u qatt ma jaqtgħu qalbhom. "Jien nivvolontarja biex nissieħeb fil-Partit Komunista taċ-Ċina, nappoġġja l-programm tal-Partit u nimxi mal-kostituzzjoni tal-Partit" - taħbi it-tmexxija tas-segretarju tal-Partit Zhang Jinlong, il-membri parteċipanti tal-Partit għollew il-ponnijiet tal-lemin tagħhom flimkien fi tniem l-avveniment u rrevedew il-ġurament tal-Partit quddiem il-bandiera ta' lew aħmar jgħajjat tal-Partit. Dan l-avveniment ta' ġurnata tal-Partit ta' c-ċans lill-membri kollha tal-Partit ikomplu jsaħħu l-ideali u t-twemmin tagħhom, isaħħu l-ispirtu tal-Partit tagħhom u jiċċaraw id-direzzjoni tal-ħidma futura." (⁴⁴)
- (71) Fil-każ ta' Ningxia Eppen, it-tielet produttur ewljenin tal-MSG, il-Kummissjoni sabet li, il-President tal-kumpanija kellu l-kariga ta' rappreżentant fit-12-il Kungress tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu ta' Ningxia Hui, mill-inqas sa Lulju 2020. (⁴⁵) Fl-istess ħin, il-Federazzjoni tal-Industrija u l-Kummerċ ta' Ningxia tagħti rendikont ċar tar-rwol tas-CCP fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-kumpanija: "L-ewwel nett, ir-regolamenti jistipulaw li s-Segretarju tal-Kunitat tal-Partit irid jattendi u jisma' bis-sħiħ l-opinonijiet u s-suġġerimenti magħmulu matul il-laqgħat, li fihom jittieħdu deċiżjonijiet dwar kwistionijiet korporattivi ewlenin, u matul laqgħat importanti oħrajn; It-tieni, minn issa, il-persuna rilevanti inkarigata mill-Organizzazzjoni tal-Partit trid tattendi u tisma' bis-sħiħ l-opinonijiet u s-suġġerimenti magħmulu matul laqgħat importanti jew deċiżjonijiet importanti relatati mal-immaniġġjar tal-produzzjoni u d-dipartimenti tan-negożju. Il-persuna rilevanti inkarigata mill-Organizzazzjoni tal-Partit għandha, b'sens kbir ta' responsabbiltà, tikkomunika kif xieraq fil-ħin id-deċiżjonijiet u l-proġetti tax-xogħol ewlenin relatati mal-produzzjoni lill-Membri tal-Partit u tinvolvi bis-sħiħ lill-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jippromwovuhom." (⁴⁶)
- (72) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll it-Taqsima 3.2.3.8 hawn taħt), kif ukoll fil-provvediment ta' materja prima u ta' inputs għandhom ukoll effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq (⁴⁷). B'hekk, il-preżenza tal-Istat f'ditti, inklużi SOEs, fis-settur tal-MSG u f'setturi relatati oħrajn (bħas-setturi finanzjarju u dak tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

(⁴¹) Disponibbli fuq <https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU> (ikkonsultat l-aħħar fis-27 ta' Ottubru 2020).

(⁴²) Ara s-sit web tal-Kungress tal-Poplu ta' Linyi: <http://www.lyrenda.gov.cn/view-SpecialArticles.aspx?id=1285&spid=39> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021)

(⁴³) Ara r-rapport Annwali tal-kumpanija għall-2019: [http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2\\_AN202004151378041301\\_1.pdf](http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2_AN202004151378041301_1.pdf), paġna 54 (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

(⁴⁴) Ara s-sit web tal-kumpanija: <http://www.meihuagrp.com/index.php/article/1237.html> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

(⁴⁵) Ara <https://baike.baidu.com/item/%E9%97%AB%E6%99%93%E5%B9%B3> (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

(⁴⁶) Ara l-informazzjoni fuq is-sit web tal-Federazzjoni tal-Industrija u l-Kummerċ ta' Ningxia dwar Ningxia Eppen Biotech tal-20 ta' Awwissu 2013: [http://nxgsl.com/hyzl/hyfc/201308/t20130820\\_1163706.html](http://nxgsl.com/hyzl/hyfc/201308/t20130820_1163706.html) (ikkonsultat l-aħħar fit-22 ta' Jannar 2021).

(⁴⁷) Ir-Rapport – il-Kapitoli minn 14.1 sa 14.3.

3.2.3.5. Distorzjonijiet sinifikanti skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

- (73) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prioritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffokaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru kważi s-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' ppjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jipmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell inferjuri korrispondenti tal-gvern. Kumplessivament, is-sistema ta' ppjanar fir-RPĊ twassal biex ir-riżorsi jiġu allokat iż-żgħiġi indikati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokat skont il-forzi tas-suq <sup>(48)</sup>.
- (74) L-industrija tal-kimika, li għaliha jappartjenu l-produtturi tal-MSG, hija meqjusa bħala settur importanti mill-GTĊ. Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-setturi kimiku, li jinħarġu fil-livelli muniċipali, reġionali u nazzjonali <sup>(49)</sup>.
- (75) B'mod aktar spċificu, l-MSG huwa wkoll soġġett fir-RPĊ għal dokumenti ta' politika spċifici li għandhom x'jaqsmu mal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum, b'dan tal-aħħar ikun wieħed mill-inputs ewlenin użati fil-produzzjoni tiegħu, permezz ta' fermentazzjoni tal-lamtum tal-qamħirrum (ara hawn fuq, b'mod partikolari l-premessa <sup>(64)</sup>). B'mod partikolari, il-proċessi tal-produzzjoni tal-MSG huma koperti mid-dispożizzjonijiet tat-13-il Pjan ta' Ħemes Snin tal-Ipproċessar tal-Ħbub u taż-Żejt. Dawn għandhom l-għan li jiġġestixx diversi aspetti tas-setturi tal-ipproċessar tal-qamħirrum (inkluż is-sottosettur tal-MSG), b'mod partikolari fir-rigward tal-iż-żvilupp tal-katina tal-valur, ix-xejriet tal-provvista, l-għaż-żgħad tat-teknoloġija, il-lokalizzazzjoni tal-produzzjoni, jew l-appoġġ għall-politika: "It-tħaffif tal-iż-żvilupp tal-ipproċessar fil-fond tal-ħbub: L-inkoraggjiment lill-intrapriżi tal-ipproċessar fuq skala kbira biex jiż-żviluppaw mudelli innovattivi għall-industrija tal-ipproċessar tal-ħbub u taż-żejt, jisfruttaw bis-sħiħ il-valur potenżjali tal-prodotti sekondarji u jestendu kemm jista' jkun il-katina industrijali. L-appoġġ għat-trasferiment ta' industriji tal-ipproċessar fin u fil-fond, bħall-ipproċessar tal-qamħirrum, lejn żoni ta' produzzjoni vantagġġu u żoni loġistiċi ewlenin u l-aċċellerazzjoni tat-tnaqqis tal-inventarji. L-iż-żvilupp ta' prodotti derivati ġodda minn tipi ġodda ta' zokkor tal-lamtum funzjonali u tipi ġodda ta' preparazzjonijiet tal-enzimi, aċċidu poliglutamiku, polilysine u prodotti oħrajn ta' fermentazzjoni fi' kwantitat jiet kbar" [...] "L-industrija tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum: L-inkoraggjiment lill-intrapriżi tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum biex jiż-żviluppaw modi effiċċenti ġodda ta' kif jużaw il-qamħirrum u jżidu b'mod sinifikanti r-rata ta' konverżjoni tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum. [...] L-iż-żvilupp b'mod attiv ta' prodotti funzjonali ġodda ffermentati b'kontenut ta' teknoloġija avanza bħal aminoaci idu nukleosidi, aċċidi organiċi ġodda, zokkor tal-lamtum, polyols, preparazzjonijiet ta' enzimi ġodda, kif ukoll lamti speċjali mmodifikati użati għall-ikel, il-manifattura tal-karta, it-tessuti, is-sustanzi kimiċi fini, eċċ. [...] Iż-żona li tkopri tliet provinċji tal-Grigal, kif ukoll iż-żona ta' Huanghuaihai u żoni ewlenin oħrajn tal-produzzjoni għandhom iż-żidu l-isforzi biex jippromwou l-fużjonijiet u r-riorganizzazzjoni ta' intrapriżi li jipproduċċu lamtum u zokkor tal-lamtum pproċessati mill-qamħirrum, alkoħol, glutamat tal-monosodju, [...] L-inkoraggjiment tal-attivazzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni mhux użata permezz ta' kooperazzjoni u operazzjoni konguunta." <sup>(50)</sup>
- (76) Barra minn hekk, fir-rigward tal-inputs, il-Kummissjoni sabet li s-setturi tal-qamħirrum huwa soġġett għal regolamentazzjoni intensiva fir-RPĊ. Il-pajjiż għandu ammonti kbar ta' ħażniet tal-qamħirrum li jippermettu lill-gvern ibaxxi jew jgħolli b'mod artifiċjali l-prezzijiet ta' dan u il-prodott bażiķu, billi jixtri jew ibiġi ammonti kbar ta' qamħirrum fis-suq. Minkejja li ċ-Ċina bdiet tindirizza l-problema tar-riżervi eċċessivi tal-qamħirrum fl-2016, hija xorta għandha ħażniet kbar ħafna, li għandhom effett distorsiv fuq il-prezzijiet <sup>(51)</sup>. Barra minn hekk, il-gvern qed jikkontrolla d-diversi aspetti tal-katina kollha tal-valur tal-qamħirrum, inklużi s-sussidji għall-produzzjoni tal-qamħirrum <sup>(52)</sup> u s-superviżjoni tal-operazzjoni jiet tal-ipproċessar, kif ikkonfermat f'dan l-avviż tal-NDRC: "Illi-awtoritajiet lokal kollha għandhom jespandu l-monitoraġġ u l-analiżi tal-provvista tal-qamħirrum u d-domanda għalih fl-oqsma rilevanti, isaħħu s-superviżjoni tal-fażi tal-bini u tal-fażi ta' wara l-bini ta' proġetti tal-ipproċessar fil-fond tal-

<sup>(48)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 4, p. 41-42, 83.

<sup>(49)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 16, pp. 406-424.

<sup>(50)</sup> Ara t-13-il Pjan ta' Ħemes Snin għall-Ipproċessar tal-Ħbub u taż-Żejt, p. 16 u 22. <http://www.gov.cn/xinwen/2017-01/03/5155835/files/5bd856b8a254067a076ef41d38ce6b3.doc> (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Jannar 2021)

<sup>(51)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, paġna 319.

<sup>(52)</sup> Informazzjoni dwar is-sussidji disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura: [http://www.moa.gov.cn/gk/zcfg/qnhnzc/201904/t20190416\\_6179338.htm](http://www.moa.gov.cn/gk/zcfg/qnhnzc/201904/t20190416_6179338.htm)

qamħirrum, irawmu l-bilanċ tal-provvista tal-qamħirrum u d-domanda għalih u jiżguraw is-sigurtà tal-ikel nazzjonali”.<sup>(53)</sup> Dokument ta' politika ewljeni ieħor tal-gvern<sup>(54)</sup> jiddikjara: “L-enfasi fuq it-tliet ċereali ewlenin, jiġifieri r-ross, il-qamħ u l-qamħirrum [...]; L-esplorazzjoni tal-iżvilupp ta' sistema ta' servizzi soċċali bi “proċess komprensiv” u mudell ta' produzzjoni b“katina komprensiva tal-industrija”; L-iżvilupp u t-trawwim ta' żieda fil-livell tal-produzzjoni madwar il-“kontea kollha”, kif ukoll żieda fil-provvista ta' prodotti agrikoli ekoloġiċi u ta' kwalità tajba. Il-provinċji rilevanti li jwettqu dawn il-kompieti għandhom jiġi appoġġjati abbażi tal-arranġamenti inklużi fil-previżjoni tal-baġit tal-gvern ċentrali.”

- (77) Il-Kummissjoni sabet ukoll li hemm fis-seħħ miżuri ta' kontroll tal-investiment fir-RPĊ fir-rigward tal-produzzjoni tal-qamħirrum: “[I]l-preżentazzjoni għall-bini ta' proġetti ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum għandha tkun sogħetta għal-ġestjoni armonizzata skont l-Ordni tal-Kunsill tal-Istat Nru. 673”.<sup>(55)</sup>
- (78) Il-politiki tal-Istat li jinterferixxu mal-forzi tas-suq ħieles fis-settur tal-qamħirrum huma riflessi wkoll fil-livell provinċjali. Kif sottomess mill-applikant u kkonfermat mill-Kummissjoni, il-Provinċja ta' Heilongjiang ħarġet, f'Awwissu 2017, dokument ta' politika dwar l-immaniġġjar tas-settur tal-ipproċessar tal-qamħirrum, fil-forma tal-Opinjoni ta' Gwida dwar it-Tqassim tal-Iżvilupp tal-Industrija tal-İpproċessar fil-Fond tal-Qamħirrum fil-Provinċja ta' Heilongjiang. Din tal-aħħar hija indirizzata “Lil kwalunkwe belt (distrett), kontea (belt), Gvern tal-poplu (uffiċċju amministrattiv), u lill-unitajiet kollha taħt l-awtorità direttta tal-Gvern Provinċjali”, li jenħtieġ li “jiżguraw l-implementazzjoni bir-reqqa [tagħha]”. L-Opinjoni tiddikjara, f'termini ta' kriterji tad-dħul fis-suq, li “proġetti ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum mibnija ġodda għandhom ikunu principally fiziż-żoni ewlenin għall-produzzjoni tal-qamħirrum” u li jenħtieġ li l-entitajiet ta' implementazzjoni kollha (jinkoragiġixxu l-kostruzzjoni ta' proġetti ta' pproċessar fil-fond bi skala kbira ta' pproċessar, ktajjen industrijni twal, kif ukoll spazju għad-doma għall-prodott fis-suq; Jappoġġjaw b'mod partikolari proġetti ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum mibnija ġodda b'kapaċitā annwali ta' pproċessar tal-qamħirrum ta' mhux inqas minn 600 000 tunnellata; u jinkoragiġixxu proġetti ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum mibnija ġodda ta' aktar minn 1,2 miljun tunnellata.” Id-dokument jimponi viżjoni speċifika ta' “ktajjen ewlenin tal-industrija”: “Il-proġetti li għandhom x'jaqsmu mat-tqassim tal-industrija għandhom: primarjament jiffokaw fuq l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti downstream relatati mal-firxiex ta' prodotti ta' lamtu, alkoħol u prodotti funzjoni; jestendu l-katina tal-industrija, jottimizzaw l-istruttura tal-prodotti, jenfasizzaw l-ispeċjalizzazzjoni ta' distretti differenti u intrapriżi differenti; u jimplimentaw żvilupp differenzjat tal-funzjonalitajiet tal-prodott”. Għall-firxa ta' prodotti tal-lamtu, dan jissarraf fi: “Primarjament l-iżvilupp ta' lamtu modifikat speċjalji meħtieġ minn industriji bħal dawk tal-ikel, il-karta, it-tessuti u s-sustanzi kimiċi fini.” L-Opinjoni tistipula wkoll regoli għat-tqassim ġeografiku tan-nisġa industrijali: “Itiqiesu b'mod komprensiv fatturi bħall-produzzjoni, l-ipproċessar u s-suq tal-qamħirrum, u d-disponibbiltà kontinwa ta' materja prima li għandha tiġi pproċessata, il-garanziji ewlenin, il-proġetti ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum għandhom ikunu principally f'7 żoni.” Pereżempju, fil-każ ta' waħda mill-imsemmja żoni, hija tagħti struzzjonijiet specifikkament li: “Longjiang, Nehe, Yi'an, Nenjiang u l-inħawi ta' Gannan, Lindian, Wudalianchi, Bei'an, Fuyu, Dorvod, Baiquan, Keshan, Tailai, Kedong u 14-il kontea (bliet) oħrajn, kif ukoll iż-żona tal-Belt ta' Qiqihar jistgħu jipprovd u 8,67 miljun tunnellata f'volum ta' pproċessar tal-qamħirrum, jużaw 7 proġetti b'1,2 miljun tunnellata f'kapaċitā ta' pproċessar fil-fond tal-qamħirrum jew 14-il proġett b'kapaċitā ta' 600 000 tunnellata. Jinkoragiġixxu l-kostruzzjoni ta' proġetti ta' pproċessar fil-fond fuq skala kbira ta' aktar minn 1,2 miljun tunnellata f'din iż-żona”. L-entitajiet ta' implementazzjoni kollha huma ggwidati biex jorganizzaw mill-ġidid is-settur kif ġej: “Jinkoragiġixxu l-fużjoni u r-riorganizzazzjoni tal-kapaċitajiet annwali eżistenti tal-ipproċessar tal-qamħirrum ta' inqas minn 300 000 tunnellata biex itejbu l-kompetiċċità tal-intrapriżi fis-suq. Fir-rigward tal-kapaċitā mhux użata tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum fiziż-żona, jinkoragiġixxu l-introduzzjoni ta' intrapriżi b'saħħithom u jimplimentaw alleanzi ta' tip simili ta' prodotti u ta' intrapriżi upstream u downstream permezz ta' fużjoni jiet u akkwiżiżżonijiet u kooperazzjoni strateġika, eċċ. [...] Jiggwidaw lill-intrapriżi biex isaħħu l-kummerċjalizzazzjoni, iżidu s-sehem mis-suq, u jifformaw għadd ta' gruppi ta' intrapriżi ewlenin b'influwenza fuq l-industrija”. Barra minn hekk, f'termini ta' miżuri ta' politika, l-Opinjoni tipprevedi specifikkament l-appoġġ mill-Istat lil intrapriżi li jissodis faw kriterji ta' finanzjament partikolari: “Jingħata appoġġ għall-finanzjament ta' intrapriżi fis-suq tal-istokks, u jiġi pprovduti sussidji lil intrapriżi tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum elenkti domestikament u barra mill-pajjiż jew fuq it-Tielet Bord Għid.”<sup>(56)</sup>

<sup>(53)</sup> Ara l-Avviż 2017/627 tal-NDRC li jħassar l-“Avviż tal-NDRC dwar Kwistjonijiet li Jikkonċernaw il-Ġestjoni ta' Proġetti tal-İpproċessar fil-Fond tal-Qamħirrum”, disponibbli fuq: [https://www.ndrc.gov.cn/fggz/cyfz/zcyfz/201704/t20170417\\_1149901.html](https://www.ndrc.gov.cn/fggz/cyfz/zcyfz/201704/t20170417_1149901.html) (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Jannar 2021).

<sup>(54)</sup> Ara l-istqarrija għall-istampa: Il-Ministeru tal-Agricoltura u l-Affarijet Rurali u l-Ministeru tal-Finanzi ħarġu l-politiki ewlenin għal-tishħiħ tal-agricoltura u l-appoġġ għal-hha fl-2019. Is-16 ta' April 2019. [http://www.moa.gov.cn/gk/zcfg/qnhnzc/201904/t20190416\\_6179338.htm](http://www.moa.gov.cn/gk/zcfg/qnhnzc/201904/t20190416_6179338.htm) (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Jannar 2021).

<sup>(55)</sup> Ara l-Avviż 2017/627 tal-NDRC.

<sup>(56)</sup> Ara l-avviż tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Heilongjiang tal-1 ta' Awwissu 2017. <http://ydscyl.cn/goods.php?id=1271> (ikkonsultat l-aħħar fis-26 ta' Jannar 2021).

- (79) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-awtoritajiet lokal f'Heilongjiang kienu qed jappoġġjaw, jikkoordinaw u jissorveljaw (inkluż permezz ta' sanzjonijiet) l-istabbiliment u l-funzjonament ta' mill-inqas park industrijal wiexed involut f'attivitajiet ta' pproċessar tal-qamħirrum.”<sup>(57)</sup>
- (80) Il-Kummissjoni għamlet ukoll sejbiet fir-rigward tal-interferenza mill-Istat fis-settur tal-ammonijaka – materja prima oħra użata fil-produzzjoni tal-MSG. Fit-13-il Pjan ta' Ħames Snin (FYP) nazzjonali għall-Industrija Petrokimika u Kimika, il-gvern Ċiniż stabbilixxa miri annwali għall-produzzjoni tal-ammonijaka billi ppromwova “settijiet ta' teknoloġija u tagħmir li jiżguraw produzzjoni annwali li taqbeż il-miljun tunnellata ta'ammonijaka sintetika u metanol sintetiku.”<sup>(58)</sup> Tali interferenza min-naħa tal-provvista hija riflessa aktar f-politiki simili mill-awtoritajiet lokal. It-13-il FYP għall-Industrija Petrokimika fil-Provinċja ta' Hebei jaġhti struzzjonijiet biex b'mod partikolari “ssir enfasi fuq it-trawwim tal-bini tat-tieni fażi tal-faċilità ta' Cangzhou Zhengyuan b'kapaċità ta' 600 000 tunnellata ta' ammonijaka”<sup>(59)</sup>. Barra minn hekk, instab li l-provinċji industrijal ta' Chongqing u Zhejiang joffru prezziżżeek tal-elettriku preferenzjalment aktar baxxi għall-manifattura ta', notevolment, ammonijaka sintetika.<sup>(60)</sup>
- (81) Kif iddiċċarat hawn fuq fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-premessa (64), il-faħam ġeneralment ikun input ewljeni ieħor fil-proċess tal-produzzjoni tal-MSG fir-RPĊ (b'rabta mal-provvista tal-enerġija fil-proċess tal-manifattura). Kif instab mill-Kummissjoni fir-Rapport tagħha, il-prezzijiet tal-enerġija fiċ-Ċina mhumiex ibbażati fuq is-suq. B'mod partikolari, is-suq tal-faħam huwa soġġett għal distorsjonijiet, b'mod partikolari bħala riżultat tas-sussidjar.<sup>(61)</sup> Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-awtoritajiet pubbliċi jinterferixxu mal-forzi tas-suq fis-settur tal-faħam fil-livell provinċjali, notevolment fil-Provinċja ta' Shandong, permezz ta' dokumenti tal-ippjanar li jirregolaw il-provvista, il-lokalizzazzjoni u x-xejriet industrijal. Dokument wieħed bħal dan huwa l-Pjan ta' Żvilupp fuq Perjodu ta' Żmien Medju u Twil għall-Enerġija fil-Provinċja ta' Shandong, maħruġ fl-2016 u li jkɔpri perjodu sal-2030. Il-motivazzjoni ideoloġika tal-Pjan għall-immaniġġjar tas-suq hija viżibbli notevolment permezz tal-prinċipju ta' gwida tiegħu li “(j) iġi implimentat bir-reqqa l-ispirtu tat-18-il Kongress Nazzjonali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt sessjonijiet plenarji tiegħu; Jiġu implimentati bl-akbar serjetà s-serje ta' diskorsi importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping, kif ukoll id-diskorsi li ta waqt li kien qed jispezzjona Shandong.” Huwa jirrikonoxxi wkoll il-karattru ċentralizzat tal-funzjonament tas-suq tal-enerġija sa fit-tiż-żmien ilu, billi wieħed mill-ghannejiet iddiċċarat tal-Pjan huwa li “tiġi promossa t-trasformazzjoni tal-mudell kompletament ċentralizzat tal-provvista tal-enerġija lejn mudell ċentralizzat u deċentralizzat”. Id-dispożizzjoniġiet tad-dokument għandhom l-għan partikolari li jirregolaw ix-xejriet speċifiċi ta' lokalizzazzjoni u żvilupp għall-industrija tal-faħam.<sup>(62)</sup> Fir-rigward tal-enerġija ggħġenerata mill-faħam, id-dokument jaġħi struzzjonijiet, fost l-oħrajn, biex: “(i)ssir enfasi fuq l-ippjanar u l-bini ta' proġetti ta' impjanti tal-enerġija tal-faħam ultra-superkritiċi b'effiċċjenza għolja ta' mega-kilowatt, u l-bini ta' raggruppament ekoloġiku ta' impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam fiż-żona kostali tat-Tramuntana” u “tiġi ppjanata l-kostruzzjoni ta' bażi integrata għall-żvilupp tal-elettriku ggħġenerat mill-faħam fil-Lbiċ ta' Shandong”. Fil-qafas tad-dokument, Pjan ta' Azzjoni specificu għall-Żvilupp u t-Trasformazzjoni tal-Faħam jaġħi struzzjonijiet biex jiġi segwiti x-xejriet tal-kostruzzjoni u l-żvilupp industrijal li ġejjin, mingħajr ma jitqiesu c-ċaqliq ħieles tal-forzi tas-suq u t-teħid ta' deċiżjonijiet korporattivi ħielsa: “Jiġu diġerit u t-trasferi b'mod ordnat il-kapaċità tal-produzzjoni eċċessiva u l-forza tax-xogħol tal-Provinċja; Ikomplu jittejbu u jissaħħu

<sup>(57)</sup> “Fi żmien tliet snin, fil-Belt ta' Jixi fil-Provinċja ta' Heilongjiang, il-Park ta' Dimostrazzjoni u Żvilupp tal-Integrazzjoni tal-Industrija Rurali Nazzjonali ta' Mishan twaqqaq bħala Park b'karatteristiċi distintivi tal-industrija, livell għoli ta' konċentrazzjoni, faċilitajiet u tagħmir avvanzati, metodi ta' produzzjoni ekoloġika, beneficiċi ekonomiċi ovwi u impatt qawwi [...] Mīzuri organizzattivi: Il-Belt ta' Mishan waqqafet grupp ewljeni żgħir magħmul mis-Segretarju tal-Kunitat tal-Partit Muniċipali u s-Sindku bħala l-mexxjeja tal-grupp, il-Viċi Segretarju tal-Kunitat tal-Partit Muniċipali u l-Viċi Sindku bħala d-Deputati Mexxejja, u l-mexxjeja ewlenin ta' diversi Dipartimenti. Il-grupp huwa inkārigat mill-promozzjoni tax-xogħol ta' kostruzzjoni tal-park ta' dimostrazzjoni, mill-koordinazzjoni u s-soluzzjoni tal-problemi li nqalgħu matul il-kostruzzjoni tal-Park fi żmien xieraq u mill-izġiur tal-progress bla xkiel tal-kostruzzjoni tal-park ta' dimostrazzjoni. Fl-istess ħin, il-kostruzzjoni tal-park ta' dimostrazzjoni għandha ssirħha evalwazzjoni tal-prestazzjoni, li tkopri x-xogħol ta' promozzjoni ewleni, l-inċentivi u l-avvanz tad-dipartiment, kif ukoll is-sistema stretta ta' premijiet kastigi. Fir-rigward ta' dipartimenti u entitajiet li jipprovdu implimentazzjoni dgħajfa tal-proġett, ħsieb ħażin u xogħol ta' promozzjoni bil-mod, dawn għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni. [...] It-tishħiħ tal-appoġġ għall-politika: Fl-2017, il-Belt ta' Mishan ħarġet politiki ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-investimenti, wettqet b'mod attiv appoġġ għall-politika tat-taxxa għall-intrapriżi rilevanti, bħal “tliet eżenzjonijiet, tliet tnaqqisiet” u eżenzjoni mit-tariffi, u introduċiet u implimentat politiki nazzjonali ta' appoġġ rilevanti rigward it-tassazzjoni, l-użu tal-art, il-finanzjament tal-enerġija idroelektrika, eċċ., il-prezzijiet tal-enerġija idroelektrika għall-użu agrikolu u l-provvista preferenzjal ta' art ġdidha għall-kostruzzjoni. Il-Belt ta' Mishan xtrat u riżervat 157 ettaru ta' art, u għad għandha 81 ettaru ta' art li tista' tintuża għall-kostruzzjoni ta' parks ta' dimostrazzjoni.” Sila mis-sit web tal-NRDC: L- Esperienza u l-Prattika tal-Park ta' Dimostrazzjoni u Żvilupp tal-Integrazzjoni tal-Industrija Rurali Nazzjonali (Heilongjiang) — il-Park ta' Dimostrazzjoni ta' Jixi Mishan (l-Ewwel Parti). Is-26 ta' Lulju 2019. [https://www.ndrc.gov.cn/fggz/nycjj/njxx/201907/t20190726\\_1144182.html](https://www.ndrc.gov.cn/fggz/nycjj/njxx/201907/t20190726_1144182.html) (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Jannar 2021).

<sup>(58)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 16, p. 411.

<sup>(59)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 4, p. 69.

<sup>(60)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 10, p. 223.

<sup>(61)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 10.

<sup>(62)</sup> “Id-dipendenza fuq “intrapriżi tal-faħam ewlenin” biex tissawwar xejra ta' żvilupp tal-faħam “1 + 5”: “1” hija żona li tipproduċi l-faħam fil-Punent ta' Luxi: Skont il-prinċipju tal-“irtirar miż-żoni tal-Lvant, it-tiekini fiziż-żoni Ċentrali, l-istabbilizzazzjoni fiziż-żoni tal-Punent u ż-żamma ta' riżervi fiziż-żoni tat-Tramuntana”, it-tiekini u l-għeluq ta' Longkou, Zibo, Linyi, Jinan u żoni tal-estrazzjoni skaduti oħraġi b'rīżorsi eżawriti, it-tnaqqis tal-volumi tal-estrazzjoni f'Yanzhou, Jining, Zaocheng, Feicheng, Xinwen, Laiwu u żoni tal-estrazzjoni oħraġi, iż-żamma tal-produzzjoni tal-faħam ta' juge bażikament stabbli u l-implimentazzjoni ta' riżervi strateġiċi u kontroll stretti tal-żvilupp u l-kostruzzjoni f'għelieqi tal-faħam u żoni b'rīżorsi tal-faħam ikkonċentrati u mhux sfruttati li jinsabu tul il-parti tat-Tramuntana tax-Xmara s-Safra. “5” tħisser il-promozzjoni b'mod stabbli tal-kostruzzjoni ta' bażiġiet tal-faħam barra l-pajjiż flimkien mal-ħames żoni ewlenin, li huma: Ning (il-Mongolja Interna), Shanxi, Guizhou (Yunnan), Xinjiang u l-Australja u t-tit-jib tal-livell ta' żvilupp tagħhom.”

l-pedamenti taż-żewġ gruppi ta' intrapriżi kbar Shandong Energy u Yankuang; Jitħaffu u jiġu promossi l-fużjoni u r-riorganizzazzjoni ta' intrapriżi lokali tal-estrazzjoni tal-faħam, jittejeb il-livell ta' konċentrazzjoni tal-industrija, titrāwwem it-trasformazzjoni tax-xejra tal-iżvilupp minn xejra bbażata fuq il-kwantità u l-veloċità lejn xejra bbażata fuq il-kwalità u l-benefiċċju. [...] Issir enfasi fuq il-kostruzzjoni ta' proġetti integrati tal-enerġija mill-faħam barra l-provinċja fil-Mongolja Interna, Shaanxi, Xinjiang, eċċ.”<sup>(63)</sup>

- (82) Dan l-involviment tal-gvern u tal-awtoritajiet lokali tul il-katina tal-valur kollha tal-MSG għandu, mill-inqas potenzjalment, effett distorsiv fuq il-prezzijiet.
- (83) Il-GTĊ jmexxi l-iżvilupp tas-settur tal-MSG skont firxa wiesgħa ta' għodod, pereżempju, billi jipprovdi sussidji mill-Istat. Ir-rapport annwali tal-2019 tal-produttur esportatur Meihua jikkonferma li fl-2018 il-kumpanija rċeviet mill-inqas RMB 130 miljun f'sussidji mill-gvern.<sup>(64)</sup> Fil-każ ta' Ningxia Eppen, ir-Rapport tal-Awditjar tal-kumpanija għall-2018 juri s-sussidji mill-gvern ta' RMB 62,3 miljun riċevuti fl-2017.<sup>(65)</sup> Barra minn hekk, dik is-sena, jidher li Ningxia Eppen irċeviet allokazzjoni ta' RMB 200 000 biex tistabbilixxi sit ta' dimostrazzjoni tal-bini tal-Partit<sup>(66)</sup>.
- (84) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li, fdawn l-aħħar snin, ir-RPĊ bdiet tapplika tnaqqis fil-VAT ta' 13 % fuq l-esportazzjonijiet tal-MSG, li bħalissa jirriżulta f'eżenzjoni sħiħa mill-VAT fuq dawn l-esportazzjonijiet. Dan jirriżulta wkoll finċentiv tal-ispejjeż għall-operaturi Ċiniżi fis-suq tal-MSG<sup>(67)</sup>.
- (85) Permezz ta' dawn il-mezzi u mezzi oħrajn, is-settur tal-MSG u setturi li jiproduċu l-materja prima użata għall-manifattura tal-MSG huma sogħġetti għal intervent tal-gvern, bil-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla kważi kull aspett fl-iżvilupp u l-funzjonament tal-katina tal-valur tal-MSG.
- (86) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku, inklu l-produtturi tal-MSG u tal-inputs użati fil-manifattura tal-MSG. Tali miżuri jimpedixxu lill-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ġieles.

### 3.2.3.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti, il-kumpaniji jew il-proprjetà

- (87) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Činiżha dwar il-falliment twassal b'mod inadegwat l-objettivi ewlenin tagħha, bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-kredituri u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Činiżha dwar il-falliment tistrieħ formalment fuq prinċipji li huma simili għal dawk li jiġu applikati fliġiżżeen korrispondenti f'pajjiżi oħrajn minbarra r-RPĊ, is-sistema Činiżha hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. L-għadd ta' fallimenti jibqa' magħruf li huwa baxx b'rabta mad-daqqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-inqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza jbatu minn għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-preżentazzjoni jiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza jibqa' b'saħħtu u attiv, li spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżiut tal-proċedimenti<sup>(68)</sup>.

<sup>(63)</sup> Ara <http://www.energynews.com.cn/uploadfile/2016/1220/20161220020713472.pdf> (ikkonsultat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2021).

<sup>(64)</sup> Ara r-rapport annwali tal-kumpanija għall-2019: [http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2\\_AN202004151378041301\\_1.pdf](http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2_AN202004151378041301_1.pdf), p. 167 (ikkonsultat l-aħħar fis-26 ta' Jannar 2021).

<sup>(65)</sup> Ara [http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2\\_AN201905051326655801\\_1.pdf](http://pdf.dfcfw.com/pdf/H2_AN201905051326655801_1.pdf), p. 70 (ikkonsultat l-aħħar fis-26 ta' Jannar 2021).

<sup>(66)</sup> Ibid, p. 68

<sup>(67)</sup> Ara s-siti web [http://transcustoms.com/China\\_HS\\_Code/China\\_Tariff.asp?HS\\_Code=2922422000](http://transcustoms.com/China_HS_Code/China_Tariff.asp?HS_Code=2922422000) u <http://www.hlbrdaily.com.cn/news/3/html/286480.html> (ikkonsultati l-aħħar fis-26 ta' Jannar 2021).

<sup>(68)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 138-149.

- (88) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprijetà huma partikolarment ovvi b'rabta mas-sjeda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ<sup>(6)</sup>. L-art kollha hija proprijetà tal-Istat Ċiniż (art rurali bi sjeda kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha dipendenti biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezziżżeen tas-suq, pereżempju, bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux irrispettati regolarmar, b'ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rat aktar baxxi mir-rati tas-suq<sup>(7)</sup>. Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jallokaw l-art<sup>(8)</sup>.
- (89) L-istess bħas-setturi l-oħrajn fl-ekonomija Ċiniż, il-produtturi tal-MSG huma soġġetti għar-regoli ordinariji dwar il-liġijiet Ċiniżi dwar il-fallimenti, il-kumpaniji u l-proprietà. L-effett ta' dan huwa li anki dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorej jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti u l-proprietà. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajiem dubji dwar dawk is-sejbiet. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-fallimenti u l-proprietà ma jaħdmux kif suppost, u b'hekk jiġi generaw distorsjonijiet meta ditti insolventi jinżammu fil-wiċċ u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ. Dawk il-kunsiderazzjoni, abbażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma kompletament applikabbli wkoll fis-setturi tal-MSG u fis-setturi li jimmanifaturraw il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.
- (90) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorej jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-fallimenti u l-proprietà fil-ktajjen tal-valur tal-ipproċessar tas-sustanzi kimiċi u tal-qamħirrum, inkluż fir-rigward tal-prodott taħt rieżami.

### 3.2.3.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont il-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi

- (91) Sistema ta' pagi bbażati fis-suq ma tistax tiżviluppa bis-sħiħ fir-RPĊ, billi l-ħaddiema u dawk li jħaddmu huma mxekkla milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħħom għal organizzazzjoni kollettiva. Ir-RPĊ ma rratifikatx għadd ta' konvenzionijiet essenziali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negożjar kollettiv<sup>(9)</sup>. Skont il-liġi nazzjonali, hemm organizzazzjoni trejdjunjonistika waħda biss li hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni mhix indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negożjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali<sup>(10)</sup>. Barra minn hekk, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Činiżha hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa ta' beneficiċċi tas-sigurtà soċċali u beneficiċċi oħraġi għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkollhom ix-ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali li jsibu ruħhom fpożizzjoni ta' impieg vulnerabbli u li jirċievu introjt aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza<sup>(11)</sup>. Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.
- (92) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li l-kumpaniji li jipproduċċu l-MSG jew inputs relatati ma jkunux soġġetti għas-sistema tal-liġi tax-xogħol Činiżha deskritta. B'hekk, is-settur tal-MSG huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (meta jkun qed jiġi manifatturat il-prodott taħt rieżami) kif ukoll indirettament (meta l-produtturi tal-MSG ikollhom aċċess għal kapital jew inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

### 3.2.3.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħiċċa minn iċtituzzjoni li jimplimentaw objettivi tal-ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxu indipendentement mill-Istat

- (93) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

<sup>(6)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 216.

<sup>(7)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 213-215.

<sup>(8)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 209-211.

<sup>(9)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 332-337.

<sup>(10)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 336.

<sup>(11)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 337-341.

- (94) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat<sup>(75)</sup>, li meta jagħtu aċċess għall-finanzi, iqis u kriterji oħrajn għajnej il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqħu marbuta mal-Istat mhux biss permezz tas-sjeda, iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla uffiċċiali eżekkutti ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-ħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP)<sup>(76)</sup> u, għal darba oħra, l-istess bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplimentaw regolarmen ordnijiet pubbliċi mfassla mill-gvern. Meta jagħmlu dan, il-banek ikunu qed jikkonformaw ma' obbligu legali espliċiitu li jmexxu n-negozju tagħhom skont il-htiġiġiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u taħt il-gwida tal-politiki industriali tal-Istat<sup>(77)</sup>. Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi ddeżinjati mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti<sup>(78)</sup>.
- (95) Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali, bħall-ħtieġa li tigħi eżaminata l-affidabbiltà kreditizija tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet rigward id-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.
- (96) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu soġġetti għal distorsjoni minħabba diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u s-saħħha ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern. L-estimi jissuġġerixxu bil-qawwa li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi jikkorrispondu sistematikament ma' klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi<sup>(79)</sup>.
- (97) Dawn il-kwistjonijiet huma aggravati minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi ddeżinjati mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti<sup>(80)</sup>. Dan jirriżulta fi preġudizzju favur is-self lil SOEs, ditti privati kbar b'konnessjonijiet tajbin u ditti f'setturi industriali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital mhumiex ugħwali għall-atturi kollha fis-suq.
- (98) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu artifiċjalment baxxi biex jistimolaw it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv ta' investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir reċenti fl-ingranaġġ korporativ fis-settur tal-Istat, minkejja tnaqqis kbir fil-profitabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi li qeqħdin jitħaddmu fis-sistema bankarja ma jsegwux reazzjonijiet kummerċjali normali.
- (99) It-tielet, għalkemm il-liberalizzazzjoni tar-rata tal-imħax nominali nkisbet f'Ottubru 2015, is-sinjal tal-prezzijiet għadhom mhumiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Rati tal-imħax artifiċjalment baxxi jirriżultaw fi twaqqiqi tal-prezzijiet u, konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.
- (100) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fir-RPĊ jindika deteriorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr ma jkun mistenni l-ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu fambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'rīzultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu fis-snin reċenti. Quddiem sitwazzjoni ta' żieda tad-dejn friskju, il-GTĊ għażi li jevita l-inadempjenzi. B'konsegwenza ta' dan, il-kwistjonijiet ta' dejn mitħuf ġew ittrattati permezz ta' dejn ta' riportament, biex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħa kumpaniji "żombi", jew inkella permezz tat-trasferiment tas-sjeda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambji ta' dejn ma' ekkwita), mingħajr ma neċċessarjament titneħħa l-problema ġenerali tad-dejn jew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha.
- (101) Essenzjalment, minkejja l-passi reċenti li ttieħdu biex jiġi liberalizzat is-suq, is-sistema tal-kreditu korporativ fir-RPĊ hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti li jirriżultaw mir-rwol miffrux kontinwu tal-Istat fis-swieq kapitali.
- (102) Ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-MSG se jkun eżentat mill-intervent tal-gvern deskrift hawn fuq fis-sistema finanzjarja. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li l-produtturi ewlenin tal-MSG ibbenefikaw minn sussidji mill-gvern (ara l-premessa (83)). Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġi affettwati severament fil-livelli kollha.

<sup>(75)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 114-117.

<sup>(76)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 119.

<sup>(77)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 120.

<sup>(78)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.

<sup>(79)</sup> Ara d-Dokument ta' 'Ħidma tal-FMI 'Resolving China's Corporate Debt Problem', minn Wojciech Maliszewski, Serkan Arslanalp, John Caparuso, José Garrido, Si Guo, Joong Shik Kang, W. Raphael Lam, T. Daniel Law, Wei Liao, Nadia Rendak, Philippe Wingender, Jiangyan, Ottubru 2016, WP/16/203.

<sup>(80)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.

### 3.2.3.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

- (103) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karakteristika għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq fit-Taqsimiet 3.2.3.2 sa 3.2.3.5, kif ukoll fil-Parti A tar-Rapport, japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit fit-Taqsimiet minn 3.2.3.6 sa 3.2.3.8 hawn fuq u fil-Parti B tar-Rapport.
- (104) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi prodott l-MSG, hemm bżonn firxa ta' inputs. F'dak ir-rigward, ir-RPĊ hija wieħed mill-produtturi ewlenin tal-qamħirrum – il-materja prima ewlenja fil-proċess tal-produzzjoni tal-MSG (ara l-premessa (64)). Meta l-produtturi tal-MSG jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs fir-RPĊ, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistra bħala l-kostijiet tagħhom) jiġu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs jużaw manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fuq is-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema tal-ippjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.
- (105) Bħala konsegwenza, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-MSG mhumiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, etc.) huma affettwati wkoll minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskrift fil-Partijet A u B tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti b'rabit mal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input lejn l-input u l-bqja. F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

### 3.2.3.10. Konklużjoni

- (106) L-analiżi stabbilita fit-Taqsimiet minn 3.2.3.2. sa 3.2.3.9., li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali, kif ukoll fis-settur tal-MSG, u l-katina tal-provvista relatata wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkat fi. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li muwiex xieraq li jintużaw prezziżiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.
- (107) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet biex tibni l-valur normali esklussivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet jew il-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ fpajjiż rappreżentattiv xieraq, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqṣima li ġejja.

### 3.2.4. Pajjiż rappreżentattiv

#### 3.2.4.1. Rimarki ġenerali

- (108) L-ġhażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:
- Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross per capita simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi ta' data tal-Bank Dinji <sup>(81)</sup>;
  - Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż;

<sup>(81)</sup> Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, <https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income>.

- Id-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.
- Fejn hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(109) Kif spjegat fil-premessi (40) u (41), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl disponibbli għall-partijiet interessati dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali, ippreżentati fil-21 ta' Frar 2020 (l-ewwel nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni) u fit-8 ta' April 2020 (it-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni), rispettivament. Fl-aħħar nota, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati bil-konklużjoni tagħha li t-Tajlandja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tīgħi kkonfermata.

**3.2.4.2. Il-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat fil-pajjiż rappreżentattiv u livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ**

(110) Fl-ewwel nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, il-Kummissjoni indikat li, fost il-pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri dawk ikklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi ta' "introtu medju superjuri" fuq bażi ta' introtu nazzjonali gross, il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami kienet magħrufa li sseħħ fl-Argentīna, fil-Brażil, fil-Fiqi, fl-Iran, fil-Ġamajka, fil-Malasja, f'Mauritius, fil-Messiku, fil-Perù, fl-Afrika t'Isfel, fit-Tajlandja u fit-Turkija. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-livell ta' żvilupp ekonomiku u l-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali wara dik in-nota.

**3.2.4.3. Data faċilment disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv**

(111) Il-Kummissjoni setgħet tidentifika kumpaniji li jiproduċi l-MSG li d-data finanzjarja tagħhom kienet faċilment disponibbli u li għalhekk tista' titqies xierqa għall-fini tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku fi tnejn biss mill-pajjiżi identifikati mill-Kummissjoni bħala pajjiżi rappreżentattivi potenzjali, jiġifieri fit-Tajlandja u l-Malasja.

(112) Madankollu, kif iddiżżarat fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, kumpanija waħda biss li tiproduċi l-MSG għejt identifikata fil-Malasja: Ajinomoto Malaysia Bhd, li kienet tiproduċi wkoll prodotti tal-ikel u addittivi oħra. Fit-Tajlandja, ġew identifikati ħames kumpaniji, jiġifieri Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd., Thai Fermentation Industry Co Ltd. (Racha Churos), Thai Churos, Thai Foods International Co. Ltd. u KT MSG. Dawn il-kumpaniji kollha kienu qed jiproduċi l-MSG u prodotti tal-ikel jew addittivi oħra. Madankollu, tnejn minnhom, Thai Fermentation Industry Co. Ltd. (Racha Churos) u Thai Churos, dehru li jiproduċi principally l-MSG u firxa limitata ta' prodotti oħra. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-data finanzjarja disponibbli għall-pubbliku li tinsab fit-Tajlandja tkun rappreżentattiva u preċiża għall-valutazzjoni ta' ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal SG&A għal din l-investigazzjoni.

(113) Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa d-data rilevanti kollha disponibbli fil-fajl għall-fatturi tal-produzzjoni fit-Tajlandja u nnotat dan li ġej:

- Il-Kummissjoni analizzat l-istatistika dwar l-importazzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kollha elenkti fl-ewwel nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, kif aġġornata mit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, u kkonkludiet li kien hemm importazzjonijiet tal-fatturi tal-produzzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat fil-PIR.
- L-istatistika dwar l-enerġija (il-prezzijiet industrijali għall-elettriku) għall-PIR kienet faċilment disponibbli fil-forma ta' data pprovduta mill-Awtorità Provinċjali tal-Elettriku u ppubblikata mill-Bord tal-Investimenti tat-Tajlandja <sup>(82)</sup>.
- Is-sors għall-kost lavorattiv huwa l-istatistika disponibbli fuq is-sit web tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") dwar il-pagi medji fix-xahar fis-settur tal-manifattura u s-sigħat maħduma fil-gimxha fit-Tajlandja <sup>(83)</sup>.

<sup>(82)</sup> [https://www.boi.go.th/index.php?page=utility\\_costs](https://www.boi.go.th/index.php?page=utility_costs)

<sup>(83)</sup> [https://ilo.org/?\\_afrLoop=767707374397500&\\_afrWindowMode=0&\\_afrWindowId=null](https://ilo.org/?_afrLoop=767707374397500&_afrWindowMode=0&_afrWindowId=null)

- (114) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura biex jiġu koperti l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (112), il-Kummissjoni kkonkludiet li ħames kumpaniji fit-Tajlandja, jiġifieri Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd.; Thai Fermentation Industry Co Ltd. (Racha Churos); Thai Churos; Thai Foods International Co. Ltd. u KT MSG kellhom rapporti finanzjarji faċilment disponibbli li setgħu jintużaw bħala indikatur biex jiġi ddeterminat ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitti.
- (115) Wara li ġie stabbilit li t-Tajlandja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq abbażi ta' dawn l-elementi, ma kienx hemm bżonn li ssir valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali skont l-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

#### 3.2.4.4. Konklużjoni dwar il-pajjiż rappreżentattiv

- (116) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Tajlandja ssodisfat il-kriterji kollha stipulati fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. B'mod partikolari, it-Tajlandja kellha produzzjoni sostanzjali tal-prodott li qed jiġi investigat u sett komplet ta' *data* faċilment disponibbli għall-fatturi tal-produzzjoni kollha, għall-SG&A u għall-profitti.

#### 3.2.5. Is-sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet u l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni

- (117) Fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija kellha l-intenżjoni li tuża l-GTA (⁽⁴⁾) biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-materji primi kollha inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv u l-istatistika tal-ILO u l-istatistika nazzjonali biex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi mingħajr distorsjoni fil-pajjiż rappreżentattiv. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li hija kellha l-intenżjoni li tuża għall-kostijiet tal-elettriku r-rati applikabbi mill-Awtorità tal-Elettriku Provinċjali tat-Tajlandja. Għall-kost tal-ilma, il-Kummissjoni kellha l-intenżjoni li tuża t-tariffi applikabbi mill-Awtorità Metropolitana tax-Xogħlijiet tal-Ilma tat-Tajlandja. Barra minn hekk, id-data finanzjarja minn ħames kumpaniji, jiġifieri Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd.; Thai Fermentation Industry Co Ltd. (Racha Churos); Thai Churos; Thai Foods International Co. Ltd. u KT MSG, tintużza biex jiġu stabbiliti l-kostijiet u l-profitti tal-SG&A.

#### 3.2.6. Fatturi tal-produzzjoni

- (118) Sabiex tiddetermina l-valur normali skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat id-data kollha disponibbli għall-fatturi tal-produzzjoni u ddeċidiet li tuża l-valuri li ġejjin:

Tabella 1

#### Fatturi tal-produzzjoni tal-MSG

Fatturi tal-produzzjoni	Kodiċi tal-merkanzija	Unità ta' kejġi	Valur mingħajr distorsjoni
<b>Materja prima</b>			
Qamħirrum	1005 90 90 00 2	KG	1,59 CNY/kg
Enzimi	3507	KG	73,81 CNY/kg
Ammonijaka anidra	2814 10	KG	1,97 CNY/kg
Amino-komposti funzjoni-ossiġenu	2922 49	KG	57,89 CNY/kg
Aċidu tal-kubrit	2807 0000 10 2	KG	0,49 CNY/kg
Aċidu fosforiku	2809 20 32	KG	7,89 CNY/kg

(⁽⁴⁾) <http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm>

Idrossidu tas-sodju f'soluzzjoni milwiema	2815 12	KG	2,30 CNY/kg
Bikarbonat tas-sodju	2836 30	KG	3,20 CNY/kg
Fosfat tad-disodju	2835 22 00	KG	7,4 CNY/kg
Karbonju attivat	3802 10 00 00 0	KG	25,75 CNY/kg
Ossigeno likwidu	2804 40	KG	1,06 CNY/kg
<b>Enerġija/Oġġetti Konsumabbi</b>			
Żejt	2710 19	L	3,35 CNY/L
Ħliefa tar-Ross	1213 00	KG	3,91 CNY/kg
Elettriku	L-Awtoritā tal-Elettriku Provinċjali tat-Tajlandja	KWH	0,71 CNY/kWh
<b>Manodopera</b>			
Manodopera Diretta	L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - ILOSTAT	HRS	17,13 CNY/siegħa
<b>Prodott sekondarju/skart</b>			
Fertilizzant Likwidu	3105	KG	2,64 (neg.) CNY/kg

- (119) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura sabiex jiġu koperti l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Sabiex jiġi stabbilit dan l-ammont, sar użu mid-data pprovduta fit-talba, notevolment id-data mill-impjant ta' Ajinomoto Thai KKP. Il-metodoloġija hija spiegata kif xieraq fil-premessi (127) u (128).

### 3.2.6.1. Materja prima

- (120) L-istruttura tal-kostijiet tal-MSG hija ddeterminata prinċipalment mill-kostijiet tal-materja prima, speċjalment is-sors taz-zokkor u diversi sustanzi kimiċi (prinċipalment karbonati) kif ukoll l-enerġija.
- (121) Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-prezzijiet tal-importazzjoni lejn il-pajjiż rappreżentativ kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji tal-importazzjoni. Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-kostijiet tat-trasport domestiku normalment jiżdiedu ma' dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni. Madankollu, meta wieħed iqis is-sejba fil-premessa (133) li l-ebda kost tat-trasport domestiku ma kienet disponibbli minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-esportatur/produtturi fir-RPĊ, kif ukoll in-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejba ta' jekk id-dumping komplex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minflok is-sejba tal-kobor eż-żarru tiegħi, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-aġġustamenti għat-trasport domestiku ma kinux meħtieġa, billi tali aġġustamenti jirriżultaw biss fiż-żieda tal-valur normali u, b'hekk, tal-marġini tad-dumping.
- (122) Il-prezz tal-importazzjoni ta' kull fattur tal-produzzjoni fil-pajjiż rappreżentativ kien iddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjoni ta' dak il-fattur tal-produzzjoni mill-pajjiżi terzi kollha, minbarra r-RPĊ u l-pajjiżi li ma kinux membri tad-WTO, elenkti fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽⁵⁾). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż

(⁽⁵⁾) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali u, fi kwalunkwe każ, tali data dwar l-importazzjoni kienet negħibbi.

rappreżentativ, billi hija kkonkludiet, fil-premessa (106), li muhuwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma kien hemm l-ebda evidenza disponibbli li turi li l-istess distorsjonijiet ma affettawwx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-istess distorsjonijiet affettaww il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

### 3.2.6.2. Manodopera

- (123) L-ILO tippubblika informazzjoni ddettaljata dwar il-pagi f-setturi ekonomiċi differenti fit-Tajlandja. Il-Kummissjoni użat l-aħħar statistika disponibbli tal-ILO dwar il-pagi fix-xahar fis-settur tal-manifattura u s-sigħat maħduma fil-ġimħha fit-Tajlandja għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (⁸⁶).

### 3.2.6.3. Elettriku

- (124) Il-prezz tal-elettriku għall-kumpaniji (utenti industriali) fit-Tajlandja jiġi ppubblikat mill-Bord tal-Investiment tat-Tajlandja. Il-Kummissjoni użat ir-rati applikabbli għal kumpaniji ta' Servizzi Ġenerali Kbar, kif applikati mill-Awtorità tal-Elettriku Provinċjali u ppubblikati mill-Bord tal-Investiment tat-Tajlandja (⁸⁷).

### 3.2.6.4. Oġġetti konsumabbli/kwantitajiet negliġibbli

- (125) Minħabba l-għadd kbir ta' fatturi tal-produzzjoni, uħud mill-materji primi li kellhom biss piż neglīgħibbi (jiġifieri inqas minn 0,5 %) fil-kost totali tal-produzzjoni ġew raggruppati taħt oġġetti konsumabbli.
- (126) Il-Kummissjoni kkalkolat il-persentaġġ tal-oġġetti konsumabbli fuq il-kost totali tal-materja prima kif ipprovdut fit-talba, notevolment id-data mill-impjant ta' Ajinomoto Thai KKP, u applikat dan il-persentaġġ għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materja prima meta użat il-prezzijiet mingħajr distorsjoni stabbiliti.

### 3.2.6.5. Spejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitti u deprezzament

- (127) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, “il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti”. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura biex jiġu koperti l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni.
- (128) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi/produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, abbażi tad-data pprovduta fit-talba, notevolment id-data mill-impjant ta' Ajinomoto Thai KKP, il-Kummissjoni stabbiliert il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura għall-kostijiet totali tal-manifattura u tal-manodopera. Dan il-persentaġġ ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kost tal-manifattura biex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.
- (129) Sabiex tistabbilixxi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitti, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq id-data finanzjarja minn ħames kumpaniji fil-pajjiż rappreżentativ, it-Tajlandja, imsemmija fil-premessa (117); jiġifieri Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd.; Thai Fermentation Industry Co Ltd. (Racha Churos); Thai Churos; Thai Foods International Co. Ltd. u KT MSG, kif estratta mill-bażiżjet ta' data ta' Orbis Bureau van Dijk (⁸⁸) (“Orbis”). Kif indikat fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni, id-data ta' Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd. kopriet is-sena finanzjarja minn April 2018 sa Marzu 2019. L-aħħar data finanzjarja għall-erba' kumpaniji l-oħrajn kopriet is-sena finanzjarja minn Jannar sa Diċembru 2018. Il-fatturat ta' Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd. kien jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-fatturat totali tal-ħames kumpaniji, u b'hekk id-data li tkopri parzialment il-PIR għandha piż sinifikanti ħafna fuq l-SG&A u l-profitti medji użati f'din l-investigazzjoni. L-inklużjoni tad-data ta' kumpaniji oħrajn,

<sup>(⁸⁶)</sup> [https://ilo.org/?\\_afrLoop=767707374397500&\\_afrWindowMode=0&\\_afrWindowId=null](https://ilo.org/?_afrLoop=767707374397500&_afrWindowMode=0&_afrWindowId=null)

<sup>(⁸⁷)</sup> [https://www.boi.go.th/index.php?page=utility\\_costs](https://www.boi.go.th/index.php?page=utility_costs)

<sup>(⁸⁸)</sup> <https://orbis4.bvdinfo.com/version-201866/orbis/Companies>

filwaqt li tkopri l-perjodu eżatt qabel il-PIR, tqieset li hija rappreżentattiva fin-nuqqas ta' evidenza li turi l-kuntrarju. Ma wasal l-ebda kumment dwar dan l-aproċċ kif deskrīt fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni kienet temmen li dan l-aproċċ huwa xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi, meta jitqies li l-SG&A u l-profitt ta' Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd. (it-tnejn 16 %) kienu konformi mal-medja użata u elenkata fil-premessa (132) li tirrifletti d-data tal-kumpaniji l-oħrajn li għalihom kien hemm *data* disponibbli sa tmiem l-2018. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe sett ta' *data* kien juri marġini għoli ta' dumping u, meta jitqies li l-investigazzjoni kkonċernata hija rieżami tal-iskadenza, ma hemmx bżonn li jiġi stabbilit marġini ta' dumping preċiż. Fjannar 2021, il-Kummissjoni kkonsultat il-bażi ta' *data* ta' Dun & Bradstreet (D&B)<sup>(89)</sup> biex tivverifika jekk id-data finanzjarja tal-ħames kumpaniji kollha kinitx aġġornata. L-uniku aġġornament li instab kien għal Ajinomoto Co. (Thailand) Ltd. għall-perjodu minn April 2019 sa Marzu 2020, madankollu, is-sett ta' *data* ma kienx komplet minħabba li ma kienx jinkludi l-profitt nett. Għalhekk, intuża s-sett oriġinali ta' *data* li ġie żvelat fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni.

### 3.2.7. Il-kalkolu

- (130) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni bniet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi/produtturi fiċ-Ċina u, għalhekk, il-fatt li ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni dwar it-tipi ta' prodotti mibjugħha fis-suq domestiku, il-valur normali ma kienx stabbilit abbażi tat-tip.
- (131) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi/produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba bbażata fuq l-istruttura tal-kostijiet u l-proporzjonijiet tal-produzzjoni teknika rilevanti tal-impijanti tal-produzzjoni tiegħi adattati għas-sorsi ewlenin taz-zokkor (lamtu tal-qamhirru) użati fiċ-Ċina dwar l-użu ta' kull fattur (materjali u manodopera) għall-produzzjoni tal-MSG. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentativ, jiġifieri t-Tajlandja.
- (132) Il-Kummissjoni mbagħad applikat il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura stabbilit kif spjegat fil-premessa (128) għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Għall-SG&A u għall-profit, il-Kummissjoni użat il-medja ponderata tal-SG&A u tal-profit kif irregistratora fir-rapporti finanzjarji disponibbli għall-pubbliku tal-ħames produtturi tal-MSG identifikati fit-Tajlandja kif spjegat fil-premessa (129). B'hekk, il-Kummissjoni żiedet l-entrati li ġejjin fil-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura:
  - L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura li ammontaw għal [5 - 10 %] tal-kostijiet totali tal-manifattura, kif spjegat fil-premessa (128);
  - SG&A ta' 16 %, applikati għas-somma tal-kostijiet tal-manifattura u tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, u;
  - Profit ta' 18 %, applikat għas-somma tal-kostijiet tal-manifattura u tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.

### 3.2.8. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (133) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi/produtturi fir-RPĊ, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni ġew stabbiliti abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezz tal-esportazzjoni abbażi tal-istatistika disponibbli, jiġifieri l-bażi ta' *data* Comext (Eurostat). Billi l-prezzijiet fil-Comext huma rreġistrati fil-livell tal-Kost, l-Assigurazzjoni u n-Nol ("CIF"), il-livell tal-prezz mill-fabbrika ġie stabbilit abbażi tal-evidenza pprovduta fit-talba għal rieżami tal-iskadenza għall-kost tat-trasport, l-immaniġġjar, it-trasport tal-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni.

### 3.2.9. Tqabbil u marġini tad-dumping

- (134) Il-Kummissjoni qabbiex il-valur normali maħdum skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mal-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit hawn fuq. Fuq dik il-bażi, il-marġini tad-dumping medju ponderat, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni mill-bażi ta' *data* Comext, bid-dazju mhux imħallas, kien ta' 112,8 %.

### 3.2.10. Konklużjoni

- (135) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping mir-RPĊ kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

<sup>(89)</sup> <https://ec.altares.eu/>

### 3.3. L-Indoneżja

(136) Għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, id-data statistika mill-Eurostat turi li ġew importati 5 535 tunnellata ta' MSG mill-Indoneżja, li jirrappreżentaw [5 – 10] % tas-sehem mis-suq fl-Unjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li tali volum ta' importazzjonijiet huwa rappreżentativ bieżejed biex jiġi eżaminat jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

#### 3.3.1. Il-valur normali

(137) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli biex tistabbilixxi l-valur normali, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduva mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw.

(138) B'hekk, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku pprovduva mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Indoneżjani, ma kien disponibbli l-ebda prezzi tal-esportazzjoni dettaljat għal kull tip ta' prodott. Konsegwentement, ma kienx possibbli li jitwettaq test dettaljat tal-perkors normali tal-kummerċ kif stabbilit fl-Artikoli 2(4) sa 2(6) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezz medju tal-bejgħ domestiku kien profittabbli, jiġifieri oħla mill-kost medju tal-produzzjoni stabbilit għall-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw. Għalhekk, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-bejgħ domestiku kollu tal-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw.

(139) L-investigazzjoni żvelat ukoll li l-MSG inbiegħ bl-ingrossa u għall-bejgħ bl-imnut. L-applikant ipprova informazzjoni li l-MSG bl-ingrossa (jiġifieri fuq il-bejgħ f'daqsiġiet ta' imballaġġ ta' 20 kg u aktar) kien jirrappreżenta l-maġġoranza kbira tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, filwaqt li l-bejgħ fis-suq domestiku fl-Indoneżja sar kemm bl-ingrossa kif ukoll għall-bejgħ bl-imnut (bejgħ fpakketti żgħar għall-konsumatur).

(140) Id-data sottomessa mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw ikkonfermat li l-MSG bl-ingrossa nbieġħ fis-suq domestiku tal-Indoneżja bi prezzi aktar baxxi mill-kost tal-produzzjoni u wriet li kien hemm differenza konsistenti fil-prezz bejn il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut.

(141) Għalhekk, għall-finijiet ta' kompletezza u biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkalkolat ukoll valur normali alternattiv ibbażat fuq il-bejgħ domestiku bl-ingrossa biss li jista' jitqabbel mal-prezzijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni b'mod predominant bl-ingrossa. Kif intqal hawn fuq, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-MSG bl-ingrossa kienu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduva mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw. Billi l-bejgħ domestiku bl-ingrossa sar taħt il-kost medju tal-produzzjoni, il-Kummissjoni bniet il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku billi żiedet l-ispejjeż medji SG&A u l-profiti mġarrba mill-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw fuq il-bejgħ domestiku kollu tal-MSG (bl-ingrossa u bl-imnut), matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, huwa tqies bħala l-aktar sors xieraq ta' informazzjoni u raġonevoli.

#### 3.3.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

(142) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat abbażi tad-data ta' Comext (Eurostat), skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Billi l-prezzijiet fil-Comext huma rreġistrati fil-livell CIF u l-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw ma esportax lejn l-Unjoni, il-livell tal-prezz mill-fabrika ġie stabbilit abbażi tal-evidenza pprovduva fit-talba għal rieżami tal-iskadenza għall-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni mill-Indoneżja sal-fruntiera tal-Unjoni.

#### 3.3.3. Tqabbil u marġini tad-dumping

(143) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali taħt iż-żewġ xenarji differenti deskritti hawn fuq mal-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit hawn fuq. Fuq dik il-bażi, il-marġini tad-dumping medju ponderat, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kien ta':

— 87,03 %, meta kkalkolat abbażi tal-bejgħ domestiku kollu tal-MSG fl-Indoneżja kif deskrirt fil-premess (138);

— 44,26 %, meta kkalkolat abbażi tal-valur normali maħdum kif deskrirt fil-premessa (141).

### 3.3.4. Konklużjoni

- (144) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping mill-Indoneżja kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 4. IL-PROBABILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING

### 4.1. Ir-RPĊ

- (145) Wara s-sejba tal-eżixenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-probabiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping, jekk il-miżuri jitħassru fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-RPĊ. B'konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi/produtturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq is-sejbiet tar-rieżami ta' skadensa preċedenti msemmi fil-premessa (2), l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami, l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, Comext (Eurostat) u l-GTA. Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-kapaċitā tal-produzzjoni u l-kapaċitā ta' riżerva fir-RPĊ, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn is-swieq ta' pajiżi terzi, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

### 4.1.1. Il-kapaċitā tal-produzzjoni u l-kapaċitā ta' riżerva fir-RPĊ

- (146) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni kellha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba u s-sejbiet tar-rieżami ta' skadensa preċedenti, kif ukoll sorsi pubbliċi oħra jn kif spjegat fil-premessa (149).
- (147) Il-kapaċitā tal-produzzjoni tal-MSG fiċ-Ċina żidet kontinwament mill-2015, skont l-informazzjoni pprovduta mill-applikant. Mill-2013, minħabba t-tisħiħ tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent, il-produtturi iż-ġhar tal-MSG fiċ-Ċina ħarġu mis-suq tal-MSG, filwaqt li produkturi akbar espandew il-faċilitajiet tagħhom u żiedu l-kapaċitā tal-produzzjoni b'[10-30] %, tant li laħqu [3 500 000-4 000 000] tunnellata, bejn l-2016 u l-2018. Matul l-istess perjodu, il-kapaċitā ta' riżerva totali żidet b'[100-130] %. Mill-2018, il-kapaċitā mhux użata fost il-produtturi attivi tal-MSG fir-RPĊ għiet stmata li hija [minn tħax sa ħmistax-il darba] akbar mid-daqs tal-konsum tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.
- (148) Barra minn hekk, diversi artikli disponibbli għall-pubbliku <sup>(90)</sup> bbażati fuq rapporti tas-suq jikkonfermaw iż-żieda rapida fil-volumi tal-produzzjoni Ċiniżi. Abbażi ta' din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, diversi produtturi ewlenin tal-MSG fir-RPĊ żiedu l-kapaċitā tagħhom mill-2015.
- (149) L-informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku <sup>(91)</sup> indikat li Fufeng Group, wieħed mill-produtturi ewlenin tal-MSG fir-RPĊ u l-esportatur ewleni lejn l-Unjoni skont l-applikant, żied il-kapaċitā tal-produzzjoni tiegħi b'41 %, minn 940 000 tunnellata fl-2015 għal 1 330 000 tunnellata fl-2019. Fl-istess ħin, l-użu tal-kapaċitā tiegħi naqas għal 80 %. Dan ifisser li, fl-2019, il-kapaċitā ta' riżerva ta' prodduttr Ċiniż wieħed kienet tammonta għal 266 000 tunnellata, jiġifieri aktar minn [darbejnej sa erba'] darbiet il-konsum totali tal-Unjoni matul l-istess perjodu.
- (150) Meta jitqies li hemm diversi produkturi oħra disponibbli għall-pubbliku <sup>(92)</sup> b'daqs komparabbli bħal Fufeng Group kif imsemmi hawn fuq, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li hemm kapaċitā żejda sinifikanti fir-RPĊ.

<sup>(90)</sup> <https://www.prnewswire.com/news-releases/global-monosodium-glutamate-msg-market-2019-2024-key-players-growth-price-demands-and-forecasts—reportsreports-300795733.html>  
<https://ihsmarkit.com/products/monosodium-glutamate-chemical-economics-handbook.html#:~:text=Currently%2C%20China%20is%20the%20world's,world's%20largest%20exporter%20of%20MSG>

<sup>(91)</sup> <http://en.fufeng-group.cn/investor/>

#### 4.1.2. L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi u ċ-ċirkomvenzjoni

- (151) Il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jżidu l-beiġħ għall-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat il-livelli tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi lejn l-Unjoni meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, sabiex tiddetermina jekk is-suq tal-Unjoni kienx attraenti f'termini tal-livelli tal-prezzijiet.
- (152) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-Eurostat u tal-GTA. Instab li l-prezz medju tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn l-Unjoni kien biss marġinalment inqas mill-prezz medju ġenerali tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn. Minħabba li, kif spjegat il-premessa (221), il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina lejn l-UE (mingħajr dazju anti-dumping) waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR, huwa probabbli ħafna li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, is-suq tal-Unjoni jkun aktar attraenti għall-esportaturi Ċiniżi minn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn. Dan minħabba li, mingħajr dazji, l-esportaturi Ċiniżi jistgħu jesportaw lejn l-Unjoni bi prezzijiet oħġla minn dawk lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, iżda xorta taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.
- (153) Instab ukoll li, minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, l-importazzjonijiet miċ-Ċina baqgħu relattivament stabbli kemm f'termini ta' volum kif ukoll f'termini ta' sehem mis-suq, li jirrappreżentaw [4 - 7 %] tas-sehem mis-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (li aktar minn nofshom kienu taħt proċessar attiv ara t-taqsimha 5.3.2 hawn taħt). Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (8) u (9), instab li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jevitaw il-miżura anti-dumping fis-seħħ billi jesportaw prodott fit-it modifikat (l-MSG ftaħlita u f-soluzzjoni). Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni juru l-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fl-aċċess għas-suq tal-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet u, b'hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi.
- (154) Abbażi tal-kapaċità żejda sinifikanti fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, kif muri mill-prezzijiet tal-esportazzjoni u mill-prattiki ta' ċirkomvenzjoni tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping jirriżultaw f'żieda tal-esportazzjonijiet oġġett ta' dumping.

#### 4.1.3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping

- (155) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-PIR u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu, kif spjegat fil-premessa (154), il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

#### 4.2. L-Indoneżja

- (156) Wara s-sejba tal-eżixxenzo tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping, jekk il-miżuri jitħassru. B'konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi fl-Indoneżja, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, speċjalment fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba u l-istatistika disponibbli, jiġifieri dawk mill-Eurostat u mill-GTA. Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja, is-sitwazzjoni tas-suq domestiku fl-Indoneżja, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn is-swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

#### 4.2.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja

- (157) Minħabba n-nuqqas kbir ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja ġew stabbiliti abbażi tal-fatti disponibbli u, b'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

- (158) Il-kapaċitā tal-produzzjoni fl-Indoneżja qabżet sostanzjalment il-volumi tal-produzzjoni. Skont it-talba, il-kapaċitā tal-produzzjoni tal-MSG kienet tammonta għal madwar 240 elf tunnellata bejn Lulju 2018 u Ġunju 2019, filwaqt li l-volumi tal-produzzjoni kienu jammontaw għal madwar 200 elf tunnellata fl-istess perjodu. Għalhekk, l-użu tal-kapaċitā laħaq madwar 85 %, li jammonta għal kapaċitā ta' riżerva stmata ta' madwar 35 elf tunnellata, li tirrappreżenta [minn żero sa darbejnej] id-daqs tal-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.
- (159) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Indoneżjani għandhom kapaċitā ta' riżerva sinifikanti, li huma jistgħu jużaw biex jipproduċu l-MSG għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

#### 4.2.2. Is-sitwazzjoni tas-suq fl-Indoneżja

- (160) Skont l-istatistika tal-GTA, l-esportazzjonijiet tal-MSG miċ-Ċina lejn l-Indoneżja żiddu b'71 % bejn l-2016 u l-2019, minn 26 668 tunnellata għal 45 498 tunnellata fl-2019. Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet tal-MSG miċ-Ċina lejn l-Indoneżja naqsu b'aktar minn 8 %, minn EUR 949/tunnellata fl-2016 għal EUR 874/tunnellata fl-2019.
- (161) Il-livelli dejjem jogħlew ta' importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina għamluha dejjem aktar difficiċi għall-produtturi Indoneżjani biex ibigħu l-MSG fis-suq domestiċu tagħġhom u/jew biex ikopru l-kostijiet tal-produzzjoni tagħġhom permezz ta' bejgħ domestiċu. Matul l-investigazzjoni, dan jista' jiġi osservat ukoll fil-livelli tal-grupp ta' produtturi Indoneżjani li kkooperaw li kienu qed ibigħu l-MSG bl-ingrossa taħt il-kost, kif spiegat fil-premessa (139). Tali sitwazzjoni qed issaħħa l-inċentiv tal-produtturi Indoneżjani biex iżidu l-bejgħ għall-esportazzjoni tagħġhom lejn pajjiżi terzi, inkluża l-Unjoni, biex jassorbu mill-inqas il-kost fiss tal-produzzjoni.

#### 4.2.3. L-attrażżjoni tas-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi

- (162) L-investigazzjoni sabet li s-sehem mis-suq Indoneżjan baqa' rappreżentattiv matul il-perjodu kollu kkunsidrat u kien ta' [5 – 9] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minkejha l-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Dan juri b'mod ċar l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi Indoneżjani tal-MSG.
- (163) Il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-produtturi esportaturi Indoneżjani jżidu l-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat il-livelli tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Indoneżjani lejn l-Unjoni meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, sabiex tiddetermina jekk is-suq tal-Unjoni kienx attraenti f'termini tal-livelli tal-prezzijiet.
- (164) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Indoneżjani, it-tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indoneżja lejn l-Unjoni mal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indoneżja lejn swieq tal-esportazzjoni oħrajn matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ibbażat fuq id-data mill-GTA. Fuq dik il-bażi, il-prezz medju tal-bejgħ għall-esportazzjoni FOB tal-Indoneżja lejn l-Unjoni kien ftit oħġla (b'1,6 %) mill-prezz medju globali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-Indoneżja lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn. Għalkemm il-prezzijiet kienu biss ftit oħġla għall-Unjoni, is-sehem mis-suq kostanti u xorta sinifikanti tal-esportazzjonijiet Indoneżjani fl-Unjoni jikkonferma li l-livelli tal-prezzijiet lejn l-Unjoni kien attraenti. Barra minn hekk, meta jitqies li l-prezzijiet FOB irregistratori fil-GTA ma jinkludux id-dazji anti-dumping (li huma bejn 7,2 % u 28,4 % għall-produtturi esportaturi Indoneżjani), il-livelli tal-prezzijiet lejn l-Unjoni ċertament ikun attraenti għall-esportaturi Indoneżjani jekk id-dazji jiskadu, billi dan jippermettilhom iżidu l-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħġhom. F'dan ix-xenarju, is-suq tal-Unjoni jiġġenera livell ta' prezzijiet li jħalli aktar qligħ minn swieq terzi oħrajn u, għalhekk, ikun hemm inċentiv kbir biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni.
- (165) Abbażi tal-kapaċitā żejda sostanzjali tal-produtturi Indoneżjani, is-sitwazzjoni tas-suq domestiċu fl-Indoneżja u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping jirriżultaw f'żieda tal-esportazzjonijiet oġġett ta' dumping.

#### 4.2.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping

(166) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-PIR u dwar l-iżvilupp probabbi tal-esportazzjonijiet fil-każ li l-miżuri jiskadu, kif stabbilit fil-premessa (165), il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mill-Indoneżja tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

### 5. DANNU

#### 5.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(167) Il-prodott simili kien manifatturat minn produttur wieħed fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huwa jikkostitwixxi l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

#### 5.2. Il-konsum tal-Unjoni

(168) Il-Kummissjoni stabbiliert il-konsum tal-Unjoni billi żiedet il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni mal-importazzjonijiet mir-RPĊ, mill-Indoneżja u minn pajjiżi terzi oħrajn, abbażi tal-Eurostat.

(169) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

#### Il-konsum tal-Unjoni (f'tunnellati)

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Suq ħieles	[48 170 – 78 448]	[49 430 – 80 501]	[46 745 – 76 127]	[45 712 – 74 445]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	103	97	95
Suq ristrett	[78 – 127]	[104 – 169]	[125 – 204]	[190 – 310]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	134	161	245
Konsum ristrett vs Konsum fis-suq ħieles	0,16 %	0,21 %	0,27 %	0,42 %

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Eurostat

(170) Il-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles żdied bi ftit bejn l-2016 u l-2017 qabel ma naqas lejn it-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kumplessivament, il-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles naqas b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(171) Hemm ukoll konsum ristrett żgħir ħafna fl-Unjoni li jirrappreżenta inqas minn 0,5 % tal-konsum tas-suq ħieles matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Il-konsum ristrett żdied b'145 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

#### 5.3. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

##### 5.3.1. Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

(172) Il-Kummissjoni stabbiliert il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet abbażi tal-Eurostat.

(173) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u s-sehem mis-suq tagħhom żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

**Il-volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) u s-sehem mis-suq**

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ	3 604	3 643	2 223	3 485
Indiċi (FY2016 = 100)	100	101	62	97
Sehem mis-suq	[3,7 % - 6,0 %]	[3,6 % - 5,9 %]	[2,3 % - 3,8 %]	[3,7 % - 6,1 %]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	99	64	102
Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja	7 496	7 855	8 269	5 060
Indiċi (FY2016 = 100)	100	105	110	68
Sehem mis-suq	[7,6 % - 12,4 %]	[7,8 % - 12,7 %]	[8,7 % - 14,1 %]	[5,4 % - 8,8 %]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	102	114	71

Sors: Eurostat

- (174) Il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kieni kważi kostanti bejn l-2016 u l-2017, naqsu b'mod sinifikanti fl-2018 (bi 39 % meta mqabbla mal-2017), u mbagħad żdiedu b'57 % sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbla mal-2018. Kumplessivament, il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (175) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja żdiedu bejn l-2016 u l-2018 b'10 % qabel ma naqsu b'mod sinifikanti b'39 % sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbla mal-livelli tal-2018. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mill-Indoneżja naqsu bi 32 %.
- (176) Is-sehem mis-suq tar-RPĊ żdied bi 2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li għall-Indoneżja naqas b'29 % matul l-istess perjodu. Madankollu, is-sehem mis-suq kemm għar-RPĊ kif ukoll għall-Indoneżja kien oħla *de minimis* matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni.

## 5.3.2. Sistema ta' proċessar attiv

(177) L-MSG jiġi importat mir-RPĊ kemm taħt ir-reġim normali kif ukoll taħt is-sistema ta' proċessar attiv.

(178) L-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt ir-reġim normali u taħt is-sistema ta' proċessar attiv żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

**Il-volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) mir-RPĊ taħt ir-reġim normali u taħt is-sistema ta' proċessar attiv**

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt ir-reġim normali	1 930	1 022	872	1 125

<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	53	45	58
Sehem mis-suq	[2,0 % - 3,2 %]	[1,0 % - 1,7 %]	[0,9 % - 1,5 %]	[1,2 % - 2,0 %]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	52	47	61
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ taħt is-sistema ta' proċessar attiv	1 673	2 621	1 351	2 359
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	157	81	141
Sehem mis-suq	[1,7 % - 2,8 %]	[2,6 % - 4,2 %]	[1,4 % - 2,3 %]	[2,5 % - 4,1 %]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	153	83	149

Sors: Eurostat

- (179) 68 % tal-importazzjonijiet totali mir-RPĊ ġew importati permezz tas-sistema ta' proċessar attiv fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tagħhom żidet b'41 %.

### 5.3.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqiġi tal-prezz

- (180) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-Eurostat.

- (181) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa kif ġej:

Tabella 5

### Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/kg)

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-rieżami
Ir-RPĊ	1,06	0,89	0,88	0,93
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	85	83	88
L-Indoneżja	1,24	1,12	1,07	1,17
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	91	87	94

Sors: Eurostat (mingħajr importazzjonijiet taħt proċessar attiv)

- (182) Il-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqas bi 17 % bejn l-2016 u l-2018 qabel ma żidet b'5 % sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kumplessivament, il-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqas bi 12 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

- (183) Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja segwa l-istess xejra bħall-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, billi naqas bi 13 % bejn l-2016 u l-2018 u mbagħad żidet b'9 % sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mill-Indoneżja naqsu bi 6 %.

- (184) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u Indoneżjani kif iddiċkjarat fil-premessa (24), il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġi tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet il-prezz tal-bejgħ medju ponderat tal-produttur uniku tal-Unjoni mitlub lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni,

aġġustat ma' livell mill-fabbrika u l-prezzijiet tal-esportazzjoni medji ponderati mill-Eurostat, inkluż id-dazju anti-dumping, mal-aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni. Fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-prezz tal-volumi tal-MSG importat taħt is-sistema ta' proċessar attiv ma kienx ikkunsidrat, minħabba li dawn il-volumi mhumiex rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera tas-suq tal-Unjoni.

- (185) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala persentaġġ tal-fatturat tal-uniċi produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan ma wera l-ebda twaqqiqi tal-prezz kemm għar-RPĊ kif ukoll għall-Indoneżja.

#### 5.4. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ u l-Indoneżja

- (186) L-importazzjonijiet tal-MSG minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ u l-Indoneżja kienu prinċipalment mill-Vjetnam u mill-Brażil.
- (187) Il-volum tal-importazzjonijiet, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tal-MSG minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif ġej:

*Tabella 6*

#### **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

Pajjiż		2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-rieżami
Il-Vjetnam	Volum (tunnellati)	3 399	1 523	1 642	2 642
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	45	48	78
	Sehem mis-suq	[3,5 % - 5,6 %]	[1,5 % - 2,5 %]	[1,7 % - 2,8 %]	[2,8 % - 4,6 %]
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	44	50	82
	Prezz medju (EUR/kg)	1,32	1,34	1,24	1,31
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	101	94	99
Il-Brażil	Volum (tunnellati)	1 900	1 296	1 014	1 339
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	68	53	70
	Sehem mis-suq	[1,9 % - 3,1 %]	[1,3 % - 2,1 %]	[1,1 % - 1,7 %]	[1,4 % - 2,3 %]
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	67	55	74
	Prezz medju (EUR/kg)	1,20	1,20	1,21	1,22
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	100	101	102
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	344	345	386	365
	Indiċi (FY2016 = 100)	100	100	112	106

	Sehem mis-suq	[0,3 % - 0,6 %]	[0,3 % - 0,6 %]	[0,4 % - 0,7 %]	[0,4 % - 0,6 %]
	<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	98	116	112
	Prezz medju (EUR/kg)	2,49	2,83	2,39	2,65
	<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	114	96	107
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi kkonċernati	Volum (tunnellati)	5 642	3 164	3 041	4 346
	<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	56	54	77
	Sehem mis-suq	[5,7 % - 9,3 %]	[3,1 % - 5,1 %]	[3,2 % - 5,2 %]	[4,7 % - 7,6 %]
	<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	55	56	81
	Prezz medju (EUR/kg)	1.35	1.44	1.38	1.40
	<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	107	102	103

Sors: Eurostat

- (188) Kumplessivament, il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn naqsu minn 5 642 400 kg fl-2016 għal 4 345 700 kg fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri tnaqqis ta' 23 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Is-sehem mis-suq korrispondenti naqas b'19 % fl-istess perjodu. Kumplessivament, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi żiddu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u huma konsiderevolment oħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

## 5.5. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

### 5.5.1. Rimarki ġenerali

- (189) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

### 5.5.2. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (190) Il-produzzjoni tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità totali żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

### Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	[47 400-77 195]	[50 105-81 599]	[48 624-79 188]	[50 108-81 605]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	106	103	106
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	[61 600-100 320]	[61 600-100 320]	[61 600-100 320]	[61 600-100 320]

<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	100	100	100
Użu tal-kapaċitā	[54 % - 88 %]	[57 % - 93 %]	[55 % - 90 %]	[57 % - 93 %]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	106	103	106

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju

(191) Il-produzzjoni varjat kemxejn matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Filwaqt li żdiedet b'6 % bejn l-2016 u l-2017, hija naqset bi 3 % bejn l-2017 u l-2018, u mbagħad reġgħet żdiedet bi 3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kumplessivament, il-volum tal-produzzjoni żdied b'6 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-investigazzjoni wriet li l-fluttwazzjonijiet kienu principally ikkawżati mill-operazzjonijiet ta' tifī għall-finijiet ta' manutenzjoni li wettqet l-industrija tal-Unjoni (fċerti snin ta' 16-il jum u fohrajn ta' 10 ijiem).

(192) Il-kapaċitā tal-produzzjoni baqgħet stabbli fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(193) B'rejżultat ta' kapaċità tal-produzzjoni stabbli, l-użu tal-kapaċitā żviluppa f'konformità mal-volum tal-produzzjoni, jiġifieri l-ewwel żdied bejn l-2016 u l-2017, imbagħad naqas bejn l-2017 u l-2018 u reġa' żdied fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, anki l-użu tal-kapaċitā żdied b'6 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

### 5.5.3. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(194) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

#### Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	[36 451 – 59 363]	[39 167 – 63 787]	[37 272 – 60 700]	[36 689 – 59 750]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	107	102	101
Sehem mis-suq	[53 % - 89 %]	[55 % - 93 %]	[56 % - 93 %]	[56 % - 94 %]
<i>Indiċi (FY2016 = 100)</i>	100	105	105	106

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju

(195) Il-volum tal-bejgħ tal-MSG mill-industrija tal-Unjoni bilkemm żdied b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-ewwel żdied b'7 % bejn l-2016 u l-2017 u mbagħad naqas b'6 % sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. It-tnaqqis parallel fil-konsum wassal għal żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat.

#### 5.5.3.1. It-tkabbir

(196) Kif intqal hawn fuq, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles naqas b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas kemxejn b'1 %, li jissarra f'żieda tas-sehem mis-suq ta' 6 %.

#### 5.5.4. L-impjegi u l-produttività

(197) L-impjegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

#### L-impjegi u l-produttività

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Għadd ta' impjegati	[137 – 222]	[138 – 225]	[133 – 217]	[132 – 215]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	101	97	97
Produttività (tunnellati/impjegati)	[243 – 396]	[253 – 413]	[256 – 416]	[266 – 433]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	104	105	109

Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju

(198) L-impjegi fl-industrija tal-Unjoni naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan it-tnaqqis kien dovut għal sinergi f-servizzi kondiviżi (bħat-teknoloġija tal-informatika ("IT") u r-riżorsi umani ("HR")) wara l-integrazzjoni tan-negożju tal-bejgħ bl-imnūt iffriżat f'AFE.

(199) Il-produttività żidiedet minħabba l-kombinazzjoni ta' tnaqqis fl-impieg u żieda fil-volum tal-produzzjoni kif spiegat fil-premessa (191).

#### 5.5.5. Il-kobor tal-marġini tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat

(200) Il-marġnijiet tad-dumping għall-pajjiżi kkonċernati kienu oħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis* kif iddiċċi ja' idher fil-premessa (134) u (143) l-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati baqgħu sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat kif deskrīt fil-premessa (174) sa (176).

(201) Għalhekk, l-ipprezzar ingħust kontinwu mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ u mill-Indoneżja ma ppermettiex lill-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-prattiki ta' dumping tal-passat.

#### 5.5.6. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettaw il-prezzijiet

(202) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ unitarju tal-uniku produttur tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

#### Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-prezz medju tal-bejgħ unitarju fis-suq ħieles (EUR/kg)	[0,94 – 1,52]	[0,86 – 1,40]	[0,84 – 1,36]	[0,87 – 1,42]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	92	90	93
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/kg)	[0,91 – 1,49]	[0,91 – 1,49]	[0,95 – 1,55]	[0,88 – 1,43]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	100	104	96

Sors: Twiegħiba għall-kwestjonarju

- (203) Il-prezz medju tal-bejgħ unitarju tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqas b'7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan kellu xejra ta' tnaqqis bejn l-2016 u l-2018 u mbaġħad żidied fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Ix-xejra tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni segwiet ix-xejra tal-prezz tal-importazzjoni miċ-Ċina u mill-Indoneżja fis-suq tal-Unjoni.
- (204) Il-kost unitarju tal-produzzjoni naqas b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huwa kien stabbli bejn l-2016 u l-2017, imbagħad żidied b'4 % fl-2018 meta mqabbel mal-2017 u naqas bi 8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. It-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni fl-2019, meta mqabbel mal-2018, huwa dovut għall-isforzi tal-industrija tal-Unjoni biex tnaqqas il-konsum tal-materja prima fil-proċess tal-manifattura, kif ukoll għal tnaqqis fil-prezz tal-materja prima.

#### 5.5.7. Il-kostijiet lavorattivi

- (205) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-uniku produttur tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 11*

#### **Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[49 321–80 323]	[50 538-82 304]	[48 606-79 159]	[48 282-78 631]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	102	99	98

Sors: Twiegħa għall-kwestjonarju

- (206) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat naqas bi 2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan it-tnaqqis huwa marbut mas-sinerġi fil-funzjonijiet tal-IT, tal-finanzi, tar-riżorsi umani u tal-maniġment superjuri miksuba wara l-integrazzjoni tan-negożju tal-bejgħ bl-imnun iffriżat f'AFE kif imsemmi fil-premessa (198).

#### 5.5.8. Inventarji

- (207) Il-livelli tal-istokks tal-uniku produttur tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 12*

#### **Inventarji**

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	[12 765-20 789]	[9 706-15 807]	[8 054-13 116]	[9 926-16 166]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	76	63	78
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	[19 % - 31 %]	[14 % - 22 %]	[12 % - 19 %]	[14 % - 23 %]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	72	62	74

Sors: Twiegħa għall-kwestjonarju

- (208) Kumplessivament, l-istokks tal-għeluq naqsu bi 22 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-istokks tal-għeluq kellhom xejra ta' tnaqqis bejn l-2016 u l-2018 u mbagħad żdiedu bi 23 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbla mal-2018. Minkejja x-xejra ta' tnaqqis, il-livell tal-istokks baqa' għoli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (209) L-istokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni naqsu bi 38 % bejn l-2016 u l-2018 u mbagħad żdiedu b'20 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Kumplessivament, huma naqsu b'26 %. Din ix-xejra ta' tnaqqis segwiet ix-xejra ta' tnaqqis tal-istokks tal-għeluq u ż-żieda żgħira fil-volum tal-produzzjoni.

#### 5.5.9. Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġgħenerat kapital

- (210) Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-uniku produttur tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 13*

#### **Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

	2016	2017	2018	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-profitabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[1,6 % – 2,7 %]	[-7,2 % – -4,4 %]	[-15,35 % – -9,4 %]	[-0,6 % – -0,4 %]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	-269	-574	-22
Fluss tal-flus (fEUR eluf)	[5 822 – 9 481]	[3 838 – 6 251]	[-3 733 – -2 292]	[2 886 – 4 699]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	66	-39	50
Investimenti (fEUR eluf)	[4 302 – 7 006]	[4 609 – 7 506]	[5 419 – 8 825]	[3 307 – 5 386]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	107	126	77
Redditū fuq l-investimenti	[0,3 % - 0,5 %]	[-6,3 % – -3,9 %]	[-14,6 % – -8,9 %]	[-1,5 % – -0,9 %]
Indiċi (FY2016 = 100)	100	-1 168	-2 701	-286

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju

- (211) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profitabbiltà tal-uniku produttur tal-Unjoni billi esprimiet il-profit nett qabel it-taxxa mill-bejħi tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat minn dak il-bejħi. Il-profitabbiltà naqset b'mod sinifikanti bejn l-2016 u l-2018. L-uniku produttur tal-Unjoni rreġistra telf bejn l-2017 u l-2019. Fl-2019, il-profitabbiltà tjiebet meta mqabbla mal-2018 minħabba żieda fil-prezz tal-bejħi u tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni kif iddiċċiāt fil-premessi (203) u (204). Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profitabilità madankollu naqset minn [1,6 % - 2,7 %] fl-2016 għal telf ta' [-0,6 % - -0,4 %] fil-PIR.
- (212) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha. Il-fluss tal-flus nett wera l-istess xejra bħall-profitabbiltà: naqas bejn l-2016 u l-2018 qabel ma żdied matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Kumplessivament, il-fluss tal-flus nett naqas b'50 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

- (213) L-investimenti naqsu bi 23 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huma kienu jirrappreżentaw principally l-investimenti meħtieġa għaż-żamma tat-tagħmir, għat-tnaqqis tal-konsum tal-materja prima, kif ukoll l-investimenti għall-konformità mar-rekwiżiti legali għas-sikurezza u għall-ħarsien tal-ambjent.
- (214) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Bħal fil-każ tal-indikaturi finanzjarji l-oħrajn, ir-redditu fuq l-investiment kellu xejra ta' tnaqqis bejn l-2016 u l-2018 u żidie kemxejn fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul il-perjodu kkunsidrat, ir-redditu fuq l-investimenti naqs b'386 %.
- (215) Finalment, b'kont meħud tat-tnaqqis fil-profittabbiltà u fil-fluss tal-flus, il-kapaċità tal-kumpanija li tiġġenera l-kapital kienet affettwata b'mod negattiv ukoll.

#### 5.6. Konklużjoni dwar id-dannu

- (216) Minkejja l-miżuri fis-seħħ, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina u mill-Indoneżja komplew f'volum sinifikanti.
- (217) L-industrija tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli. Għalkemm uħud mill-indikaturi tad-dannu, bħall-volum tal-produzzjoni, is-sehem mis-suq u l-istokks juru xejra favorevoli, indikaturi oħrajin, bħall-prezzijiet tal-bejgħ, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti juru xejra negattiva.
- (218) Minkejja l-miżuri fis-seħħ, iż-żieda fil-produttività u l-fatt li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tmaqqas il-kost tal-produzzjoni tagħha, l-industrija tal-Unjoni xorta rreġistrat telf bejn l-2017 u l-2019.
- (219) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.
- (220) Imbagħad il-Kummissjoni vvalutat jekk hemmx rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (221) Fir-rigward tar-RPĊ, l-investigazzjoni żvelat li l-volum tal-importazzjonijiet baqa' oħla mil-livelli *de minimis* matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Għalkemm il-marġini tat-twaqqiġi tal-prezz kien negattiv meta ġew applikati d-dazji anti-dumping għall-prezz tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-marġini tat-twaqqiġi tal-prezz mingħajr id-dazji anti-dumping inklużi kien oħla minn 20 %. Barra minn hekk, billi l-industrija tal-Unjoni qed tagħmel it-telf u minħabba l-profitt fil-mira ta' bejn 5 % u 15 % kif stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali tal-Indoneżja <sup>(92)</sup>, jidher b'mod ċar li l-importazzjonijiet Ċiniżi qed jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet dannużi.
- (222) Fir-rigward tal-Indoneżja, l-investigazzjoni żvelat ukoll li, bħal fil-każ tar-RPĊ, l-importazzjonijiet kieno oħla mil-livelli *de minimis* matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Il-marġini tat-twaqqiġi tal-prezz kien negattiv mingħajr id-dazji anti-dumping. Madankollu, il-prezzijiet attwali tal-importazzjoni mingħajr dazji anti-dumping jirriżultaw f'marġini ta' bejgħ bil-prezz imwaqq'a ta' aktar minn 7 % meta mqabbel ma' prezz fil-mira stabbilit abbażi tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-UE matul il-PIR u l-profitt fil-mira ta' bejn 5 % u 15 % kif stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali tal-Indoneżja.
- (223) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet mir-RPĊ u ma setax kien ikkawżat mill-importazzjonijiet mill-Indoneżja, billi minħabba l-effett tal-miżuri l-importazzjonijiet mill-Indoneżja saru bi prezziżjet li ma kinux jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.
- (224) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu kkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indoneżja jekk il-miżuri jitħassru.

<sup>(92)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 904/2014 tal-20 ta' Awwissu 2014 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' glutamat tal-monosodju li jorigha mill-Indoneżja, ĠU L 246, 21.8.2014, p. 1, il-premessa 151.

## 6. IL-PROBABILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW RIKORRENZA TA' DANNU

### 6.1. Il-probabiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu mir-RPĊ

- (225) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (219) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fil-premessa (223), il-Kummissjoni ddeterminat ukoll li d-dannu materjali mgħarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. Il-Kummissjoni vwalutat ukoll jekk f'dan il-każ iż-kunx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ jekk il-miżuri kontra jitħallew jiskadu.
- (226) F'dan ir-rigward, ġew analizzati l-elementi li ġejjin mill-Kummissjoni: il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-livelli tal-prezzijiet probabbli tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

#### 6.1.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni

- (227) Kif spjegat fil-premssi minn (147) sa (153), abbażi tal-kapaċità żejda sinifikanti fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda tal-esportazzjonijiet.

#### 6.1.2. L-impatt tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu

- (228) Fir-rigward tal-effett probabbli ta' tali importazzjonijiet, il-Kummissjoni eżaminat il-livelli tal-prezzijiet probabbli tagħhom fkaż li l-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mingħajr dazju anti-dumping bħala indikazzjoni rägħonevoli. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni stabbilit twaqqiqiż sinifikanti tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (aktar minn 20 %).
- (229) Barra minn hekk, billi l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel it-telf kważi matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni kif iddiċċi rat fil-premessa (211), u meta jitqies li, kif spjegat fil-premessa (221), il-profitt fil-mira stabbilit għal tali industrija huwa bejn 5 % u 15 %, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet dannużi.
- (230) Għalhekk, ġie konkuż li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li diġà qed iġġarrab dannu materjali, tiddeterjora aktar jekk il-miżuri jitħassru. Tabilħaqq, fin-nuqqas ta' miżuri, l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping bi prezzijiet dannużi x'aktarx li jeżerċitaw pressjoni ta' tnaqqis ulterjuri fuq il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni. Huwa probabbli ħafna li l-industrija tal-Unjoni tkun obbligata tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, li jwassal għal aktar telf tal-profittabbli u, x'aktarx, telf importanti fuq perjodu ta' żmien qasir.
- (231) Inkella, kwalunkwe tentattiv biex jiżdiedu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għal livelli profitabbli min-naħa tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li jwassal għal telf tal-volumi tal-bejgħ u sehem mis-suq għall-importazzjonijiet bi prezzi baxx. Minħabba l-kapaċitajiet ta' riżerva kbar ħafna fir-RPĊ, il-produtturi esportaturi Ċiniżi se jkunu jistgħu jidu l-esportazzjonijiet tagħhom fuq perjodu ta' żmien qasir u jiksbu sehem importanti mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Huwa probabbli ħafna li l-industrija tal-Unjoni titlef l-ekonomiji ta' skala, li jwassal għal żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni u konsegwentement jikkawża aktar tnaqqis fil-profittabbli għall-industrija tal-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-viċċabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun frisku serju.

#### 6.1.3. Konklużjoni

- (232) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, jiġifieri l-kapaċità ta' riżerva kbira ħafna fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping u l-impatt probabbli tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet dannużi u d-danni materjali x'aktarx li jkomplu.

## 6.2. Il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu mill-Indoneżja

- (233) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (219) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Fil-premessa (223), il-Kummissjoni ddeterminat ukoll li d-dannu materjali mgħarrab mill-industrija tal-Unjoni ma setax kien ikkawża mill-importazzjonijiet mill-Indoneżja. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indoneżja jekk il-miżuri kontrihom jitħallew jiskadu.
- (234) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja, is-sitwazzjoni tas-suq fl-Indoneżja, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-livelli tal-prezzijiet probabbli tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

### 6.2.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja, is-sitwazzjoni tas-suq fl-Indoneżja u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni

- (235) Kif spjegat fil-premessa minn (158) sa (165), abbażi tal-kapaċità żejda sostanzjali tal-produtturi Indoneżjani, is-sitwazzjoni tas-suq domestiku fl-Indoneżja u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Indoneżjani, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà qawwija li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tiriżulta f'żieda tal-esportazzjonijiet.

### 6.2.2. L-impatt tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu

- (236) Il-Kummissjoni eżaminat il-livelli tal-prezzijiet probabbli tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja jekk il-miżuri jitħallew jiskadu abbażi tal-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tarrieżami u l-effett tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Filwaqt li ma kien hemm l-ebda twaqqiqi tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-esportaturi Indoneżjani wara t-tnaqqis tad-dazji anti-dumping fis-seħħi, kien hemm bejgħ bil-prezz imwaqqqa' ta' aktar minn 7 %, bl-użu ta' profitt fil-mira ta' bejn 5 % u 15 % kif spjegat fil-premessa (229). Dan juri li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-importazzjonijiet Indoneżjani jsiru f'livelli ta' prezzijsiet dannużi, biex b'hekk tiżid il-prezzjoni tal-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, li mbagħad jew titlef il-volum tal-bejgħ jew inkella tkun obbligata tnaqqas il-livelli tal-prezzijiet tagħhom. Dan malajr ħafna jwassal għal sitwazzjoni ta' telf sinifikanti li ma tkun vijabbli fuq perjodu ta' żmien qasir.

### 6.2.3. Konklużjoni

- (237) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, jiġifieri l-preżenza ta' kapaċità ta' riżerva fl-Indoneżja, is-sitwazzjoni tas-suq fl-Indoneżja, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-livelli mistennija tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni, ġie konkuż li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indoneżja bi prezzijsiet dannużi u x'aktarx jerġa' jkun hemm dannu materjali.

## 7. INTERESS TAL-UNJONI

- (238) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.
- (239) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.
- (240) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u dannu għar-RPĊ u ta' kontinwazzjoni ta' dumping u rikorrenza ta' dannu għall-Indoneżja, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

### 7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (241) L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Kif imsemmi fil-premess (223), id-dannu materjali kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u, għalhekk, ġie konkluż li kien hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu materjali jekk il-miżuri kontra r-RPĊ jitħallew jiskadu. L-investigazzjoni stabbiliet ukoll li kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu materjali jekk il-miżuri kontra l-importazzjonijiet Indoneżjani jitħallew jiskadu. B'mod partikolari, l-irkupru mistenni tal-industrija tal-Unjoni mid-dannu materjali mġarrab x'aktar li jkun ipperikolat jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi u Indoneżjani tal-MSG jiżdiedu fis-suq tal-Unjoni bi prezzi jiet oġġett ta' dumping.
- (242) Jekk il-miżuri jinżammu, huwa mistenni li l-industrija tal-Unjoni gradwalment tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ mill-effetti tal-miżuri imposti. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-MSG mir-RPĊ ġew estiżi għall-importazzjonijiet tal-MSG, f'taħlita jew f'soluzzjoni, li joriġina mir-RPĊ wara investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni fl-2020 kif spjegat fil-premessi (8) u (9).
- (243) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, huwa probabbli ħafna li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora kif spjegat hawn fuq fl-analiżi tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni/rikorrenza ta' dannu fil-premessi minn (225) sa (237).
- (244) Għalhekk, kien konkluż li ż-żamma tal-miżuri fis-seħħ kontra r-RPĊ u l-Indoneżja tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. L-interess ta' importaturi mhux relatati

- (245) Erba' importaturi mhux relatati ppreżentaw ruħhom wara l-publikazzjoni tan-Notifikasi ta' Bidu. Erbgħa minnhom ikkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni billi ppreżentaw tweġiba kompleta għall-kwestjonarju.
- (246) Tnejn mill-importaturi mhux relatati li kkooperaw importaw l-MSG kemm mir-RPĊ kif ukoll mill-Indoneżja u t-tnejn l-oħrajin mill-Indoneżja biss. Għalihom kollha, l-impatt tal-attività tal-MSG fil-fatturat totali tagħhom kien limitat ħafna (inqas minn 1,5 % tal-fatturat totali). Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li l-importaturi kienu profittabbli, minkejja l-miżuri fis-seħħ. L-MSG importat intuża kemm għas-settur tal-ikel kif ukoll għas-settur mhux tal-ikel.
- (247) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jinżammu, l-impatt fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-importaturi x'aktarx ma jkunx sinifikanti.

### 7.3. L-interess tal-utenti

- (248) L-utenti huma prinċipalment attivi fis-“setturi tal-ikel u x-xorb”, u jużaw l-MSG biex jipproduċu taħlilitet ta’ ħwawar, sopop u preparazzjonijiet oħrajn. L-MSG jista’ jintuża għal applikazzjonijiet speċifiċi fis-“setturi mhux tal-ikel”, pereżempju, għall-produzzjoni ta’ deterġenti.
- (249) L-ebda utent ma kkoopera fl-investigazzjoni.
- (250) L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda impatt negattiv sinifikanti tal-miżuri fis-seħħ fuq l-utenti. L-investigazzjoni preċedenti kontra ċ-Ċina u l-Indoneżja żvelaw li l-miżuri ma jidhrux li kellhom xi effett negattiv sinifikanti fuq l-utenti li kkooperaw.
- (251) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jinżammu, l-impatt fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta’ dawn l-operaturi x'aktarx ma jkunx sinifikanti.

### 7.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (252) Abbażi ta’ dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti ta’ interessa tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati.

## 8. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (253) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping għar-RPĊ u għall-Indoneżja, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' danno għar-RPĊ u r-rikorrenza ta' danno għall-Indoneżja, kif ukoll l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġina mir-RPĊ u mill-Indoneżja jinżammu.
- (254) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tīgħi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbi għall-kumpanji l-oħra jnnejha kollha".
- (255) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaapplikaw ir-rati individwali tad-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet, din mhixiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifikasi tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra jnnejha kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport marittimu, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżgħarraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liggi doganali.
- (256) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenifikaw minn rati aktar baxxi tad-dazju individwali jiżdiedu b'mod simifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkōncernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li minnha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiķu. Fċirkostanzi bħal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra c-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', *inter alia*, teżamina l-ħtieġa għat-tnejħha ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.
- (257) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali spesifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbi biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn dawn il-kumpaniji u, b'hekk, mill-entitajiet għuridiċi spesifici msemmjha. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemjha spesifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemjha spesifikament, ma jistgħux jibbenifikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbi għall-kumpanji l-oħra jnnejha kollha". Jenħtieġ li kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali (pereżempju, wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) tīgħi indirizzata lill-Kummissjoni (<sup>(93)</sup>) flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u l-bejgħ għall-esportazzjoni assoċjati ma', pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament imbagħad jiġi emmedat kif xieraq billi tīgħi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenifikaw mir-rati tad-dazju individwali.
- (258) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenziali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkmandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu li matulu setgħu jagħmlu rappreżtazzjonijiet sussegwenti għal din id-divulgazzjoni. L-applikant biss issottometta kummenti li jilqgħu tajjeb is-sejbiet tal-Kummissjoni.
- (259) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(94)</sup>), meta jkun irid jiġi rimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tal-imgħax li għandha titħallas jenħtieġ li tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

<sup>(93)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

<sup>(94)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Luuju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-bagħiġ ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (260) Il-miżuri previsti fir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mir-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

- Dazju anti-dumping definitiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2922 42 00 (il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
- Ir-rati tad-dazju anti-dumping definitiv applikabbi għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskrītt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkti hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
Ir-RPĊ	Hebei Meihua MSG Group Co. Ltd, u Tongliao Meihua Bio-Tech Co. Ltd	33,8	A883
Ir-RPĊ	Fujian Province Jianyang Wuyi MSG Co. Ltd	36,5	A884
Ir-RPĊ	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	39,7	A999

- L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali spċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħi, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskrift, niċċertifika li (l-volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem tal-kumpanija u l-indirizz tagħha) (kodiċi TARIC addizzjonali) fi [pajjiż ikkonċernat]. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbi għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

- Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

### Artikolu 2

- Id-dazju anti-dumping definitiv applikabbi għall-“kumpaniji l-oħrajn kollha” kif stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 huwa b'hekk estiż għall-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju f'taħlita jew f'soluzzjoni, li fih 50 % jew aktar fpiż-xott ta' glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 2103 90 90, ex 2104 10 00, ex 2104 20 00, ex 3824 99 92, ex 3824 99 93 u ex 3824 99 96 (il-kodiċijiet TARIC 2103 90 90 11, 2103 90 90 81, 2104 10 00 11, 2104 10 00 81, 2104 20 00 11, 3824 99 92 98, 3824 99 93 89 u 3824 99 96 89) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

- Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

### Artikolu 3

- It-talbiet għal eżenzjoni mid-dazju estiż permezz tal-Artikolu 2 għandhom isiru bil-miktub fwaħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jiġu ffirmati minn persuna awtorizzata biex tirrappreżenta lill-entità li titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħha fl-indirizz li ġej:

European Commission  
 Directorate-General for Trade  
 Directorate G  
 Office: CHAR 04/039  
 1049 Brussels  
 Belgium

- Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, permezz ta' deċiżjoni, l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jevadux il-miżuri anti-dumping imposti mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 4

1. Dazju anti-dumping definitiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2922 42 00 (il-kodiċi TARIC 2922 42 00 10) u li joriġina mill-Indoneżja.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definitiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskrirt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkti hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
L-Indoneżja	PT. Cheil Jedang Indonesia	7,2	B961
L-Indoneżja	PT. Miwon Indonesia	13,3	B962
L-Indoneżja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	28,4	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali spċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tīgħi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li (l-volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem tal-kumpanija u l-indirizz tagħha) (kodiċi TARIC addizzjonali) fi [pajjiż ikkonċernat]. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

#### Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2021.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*